# Seminar dwar **Opportunitajiet Indaqs** għall-Persuni b'Diżabilità:

# Pjan t'Azzjoni Ewropew

16 ta' Mejju 2005
Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, Valletta
bis-sapport finanzjarju ta' l-Unjoni Ewropea

For Diversity Against Discrimintion

# Werrej

Introduzzjoni mill-Onor Dr Jason Azzopardi MP 03
*Ċermen, Kumitat*
*Parlamentari għall-Affarijiet Barranin u Ewropew*

Diskors Prinaċipali mill-Onor Richard Howitt 07
*MEP, Ċermen tal-Grupp Interparlamentari dwar*
*id-Diżabilità tal-Parlament Ewropew*

Messaġġ mis-Sur Joseph M. Camilleri 12
*Ċermen, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità*

Is-Sur Gordon C. Cardona 15
*Attivist b'diżabilità*

Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità:
Pjan t'Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea 19
*COM(2003) 650 final*

Seminar dwar
Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni
b'Diżabilità:
Pjan t'Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea
*COM(2003) 650 final*

Pubblikazzjoni
tal-Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità
www.knpd.org

Din il-pubblikazzjoni saret permezz ta' fondi mill-Community Action Programme to Combat Discrimination ta' l-Unjoni Ewropea

Dan id-dokument ġie ppubblikat bil-Malti, bl-Ingliż u fuq audio bil-malti. Jinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

This document is also published in Maltese, English and on audio in Maltese. It is also featured on the Commission's website: www.knpd.org

Ċermen, Kumitat
Parlamentari għall-Affarijiet
Barranin u Ewropew

# Introduzzjoni mill-Onor Dr Jason Azzopardi MP

Għalkemm l-UE ħadet diversi inizjattivi fl-imgħoddi, kien biss fl-1997 li ngħatat is-saħħa għall-ewwel darba biex tagħmel liġijiet li jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq diżabilità.

Fiċ-Charter dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, adottat f'Diċembru 2000, l-UE tkellmet dwar it-tema tad-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità billi sostniet li hi tagħraf u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabilitajiet li jibbenefikaw minn miżuri li jassiguraw l-indipendenza tagħhom, l-integrazzjoni soċjali u fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll, il-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità. Dan iċ-Charter għadu ma sarx strument legali.

Is-sena 2003 kienet iddikjarata s-sena Ewropea Persuni b'Diżabilità mill-Unjoni Ewropea. F'Komunikazzjoni[1] maħruġa fl-istess sena mill-Kummissjoni qiegħed jiġi previst illi sas-sena 2010 jkun hemm approwċ sostenibbli u operazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' issues ta' diżabilità wara t-tkabbir fl-Ewropa.

[1] COM (2003) 650 final

**Miri strateġiċi għall-futur:**
**Il-Komunikazzjoni mill-Unjoni Ewropea**

Il-mira primarja tal-Kummissjoni fis-snin li ġejjin hija li tippromwovi opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità b'mod illi jwasslu għal inklużjoni aktar dinamika fis-soċjetà. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser taħdem sabiex tilħaq tliet miri li jikkomplementaw lil u jiddependu minn xulxin:

1. Li tiġi implementata d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar it-trattament ugwali fuq ix-xogħol;
2. Li ssaħħaħ il-kunsiderazzjoni għal issues ta' diżabilità f'oqsma varji tal-politika tal-Unjoni Ewropea; u
3. Li jkun hemm aċċessibilità aħjar għal kulħadd.

Sabiex jintlaħqu dawn il-miri il-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa Pjan t'Azzjoni mifrux fuq numru ta' snin sal-2010. L-istadji suċċessivi ta' dan il-Pjan t'Azzjoni għandhom jiġu ddenitifikati f'rapport biennali li jeżimina s-

sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità li jservi bħala bażi sabiex jiġu mfassla l-prijoritajiet għall-fażijiet sussegwenti tal-Pjan t'Azzjoni.

**Miri u mezzi disponnibli għal Komunità**
L-impenn tal-Unjoni Ewropea (UE) lejn persuni b'diżabilità jmur id f'id mal-kunċett li l-assistenza m'għandiex tkun waħda passiva iżda bbażata fuq integrazzjoni u parteċipazzjoni attiva fil-ħajja ekonomika u soċjali. Għaldaqstant l-għan ta' dan il-Pjan t'Azzjoni huwa li jirrikonoxxi u jipproteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

L-UE diġà ħadet passi lejn din id-direzzjoni permezz tad-Direttiva dwar trattament ugwali fuq il-post tax-xogħol, u permezz tal-Pjan t'Azzjoni kontra d-diskriminazzjoni 2001-06. Barra minn dan, iċ-Charter of Fundamental Human Rights speċifikament jipproteġi d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, u l-inklużjoni ta' dan iċ-Charter fit-Trattat Kostituzzjonali ser ikun pass sinjifikanti 'l quddiem.

L-aċċess għax-xogħol huwa kruċjali għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità. Il-Pjan t'Azzjoni ffinanzjat mill-European Social Fund, l-inizjattiva EQUAL u l-istrateġija Ewropea għall-impjieg huma mfassla sabiex jiffaċilitaw dan il-proċess. Barra minn hekk, l-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom jgħinu fit-transizzjoni minn dipendenza fuq welfare benefits għal inċentivi fil-forma ta' benefiċċji allaċjati max-xogħol.

Fl-aħħar, l-impenn sabiex titnaqqas l-emarġinazzjoni ta' persuni b'diżabilità tinkludi l-proċess Ewropew ta' inklużjoni soċjali u l-pjanijiet ta' inklużjoni ta' l-Istati Membri individwali.

**Fatti u Xejriet**
Id-definizzjoni u kriterji li japplikaw għad-diżabilità huma mniżżla fil-leġislazzjoni individwali u tvarja minn Stat Membru għal ieħor. F'servej li sar fis-sena 2001 fil-15-il pajjiż membru kien hemm 14.5% bejn 14 u 65 sena li għandhom xi forma ta' diżabilità. Fil-każ ta' l-Istati Membri l-ġodda, dan il-persentaġġ jitla' għal 25%.

Minn dawn 42% għandhom impjieg meta mqabbel ma' 65% ta' persuni mingħajr diżabilità. Dan juri li l-persuni b'diżabilità qegħdin isibu problemi sabiex isibu impjieg, u li huma jipposjedu sors ta' żvilupp u avvanz ekonomiku li ma huwiex qiegħed jintuża.

**L-ewwel fażi tal-Pjan t'Azzjoni (2004-2005)**
L-ewwel fażi tal-Pjan t'Azzjoni (2004-2005) iffokaw fuq il-kreazzjoni tal-kundizzjonijiet li hemm bżonn sabiex jiġi promoss ix-xogħol tal-persuni b'diżabilità, u li dawn jingħataw l-awtonomija f'dan ir-rigward. L-oqsma ta' prijorità huma maqsumin f'erbgħa kif ġej:

- Aċċess għal, u permanenza fix-xogħol;
- Tagħlim tul il-ħajja kollha;
- Potenzjal ta' teknoloġiji ġodda; u
- Aċċessibilità għall-ambjent pubbliku mibni.

**Moniteraġġ u follow up ta' l-istruttura**
L-Inter-Service Group tal-Kummissjoni għal dak li għandu x'jaqsam mad-diżabilità huwa responsabbli milli jmexxi l-Pjan t'Azzjoni u jara li l-attivitajiet tad-dipartimenti varji tal-

Kummissjoni jkunu mainstreamed. Huwa marbut ukoll jagħti progress report lill-Grupp ta' Kummissarji għal Opportunitajiet Indaqs.

Il-European High-Level Group ta' l-UE li jittratta dwar id-diżabilità ppresedut mill-Kummissjoni, jinkludi speċjalisti minn kull Stat Membru, u xogħolu hu li jiżviluppa interazzjoni akbar fl-oqsma tal-politika nazzjonali.

Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tagħmel evalwazzjoni preliminarja ta' dan il-Pjan t'Azzjoni fl-2008.

**Xogħol il-Gvern Malti f'dan il-qasam**

Xogħol il-Gvern Malti f'dan il-qasam imur lura għal Novembru 1987 fejn twaqqfet il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, meta ġew innominati l-ewwel membri ta' din il-Kummissjoni. Fis-sena 2000 din il-Kummissjoni ġiet rikostitwita b'identità legali separata taħt Att 1 tas-sena 2000, Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), liema Att jelenka wkoll fid-dettal ix-xogħol ta' din il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità għandha l-għan ewlieni li tara li l-issues tal-persuni b'diżabilità jkunu r-responsabilità ta' dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

Din il-liġi ma daħħlitx għal kollox fis-seħħ id-Direttiva ta' l-UE dwar it-Trattament Indaqs fl-Impjieg iżda tabbolixxi d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità fil-qasam tax-xogħol u f'oqsma oħra ta' l-edukazzjoni, id-djar, l-insurance, l-aċċess fiżiku u l-għoti ta' oġġetti u servizzi. L-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjoni Industrujali kompla l-proċess biex id-Direttiva tkun parti mill-liġijiet Maltin.

Apparti minn hekk iddaħħal ir-rekwiżit li meta jittella' bini ġdid jew isiru alterazzjonijet jew żvilupp strutturali sostanzjali li jkun jirrekjedi l-permess mill-MEPA dan ikun aċċessibli għal kulħadd. Twaqqfet ukoll Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika biex tassigura li l-iżviluppi fl-informatika ma jħallu lil ħadd barra minħabba d-diżabilità.

Permezz ta' Fondi Strutturali mill-UE, l-ETC waqqfet skema ta' Impjieg Issaportjat bil-għan li tgħin  persuni b'diżabilità jidħlu u jibqgħu fid-dinja tax-xogħol. Permezz ta' din l-iskema l-persuna tiġi offruta żmien ta' traineeship fuq il-post tax-xogħol ma' min iħaddem sabiex wieħed ikun jista' juri l-kapaċitajiet tiegħu. Din fiha vantaġġi kemm għal min qed ifittex ix-xogħol u kemm għal min iħaddem. Min qed ifittex xogħol isibha aktar faċli li jiddentifika opportunitajiet li jaqblu mal-kapaċitajiet tiegħu; min-naħa ta' min iħaddem hemm benefiċċji kemm finanzjarji kif ukoll prattiċi.

Fis-sena 2004 twaqqfet ukoll l-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali li l-għan tagħha huwa li tagħti għajnuna lil persuni b'diżabilità sabiex jibqgħu jgħixu fil-komunità tagħhom u fejn dan mhux possibli jgħixu fi djar żgħar fil-komunità.

**L-Unjoni Ewropea u l-persuni b'diżabilità: Xi rwol għandu l-Kumitat ta' l-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Parlament Malti**

Bid-dħul ta' Malta fl-Ewropa kien hemm bidla sostanzjali f'dak li sas-sena 2003 kien il-Kumitat ta' l-Affarijiet Barranin, Kumitat magħmul minn membri taż-żewġ naħat tal-Kamra. Minn Mejju tas-sena l-oħra dan il-Kumitat żdiedlu r-rwol ferm importanti ta' skrutinju ta' proposti kemm leġislattivi kif ukoll dokumenti oħra ta' l-istituzzjonijet ta' l-UE bħal Green u White Papers, Komunikazzjonijiet (bħal din dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità), u rapporti oħrajn li joħorġu minn żmien għal ieħor.

L-iskrutinju mill-membri tal-Kumitat isir mhux biss fuq id-dokument innifsu, iżda aktar importanti minn hekk fuq il-pożizzjoni li l-Gvern beħsiebu jieħu dwaru. U r-rwol importanti tal-Parlament hawn qiegħed: meta liġi proposta mill-UE tkun għadha fl-istadju embrijoniku, ikun għad hemm l-opportunitajiet li l-Parlament jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Gvern dwar is-suġġett u jindika jekk ikunx hemm xi aspetti li jridu jiġu ċċarati jew anke f'ċerta każi jiġu emendati.

Għaldaqstant anke dokumenti li joħorġu mill-UE li jirrigwardaw direttament persuni b'diżabilità dawn iridu jgħaddu mill-iskrutinju tal-Parlament. F'każ li jkun hemm bżonn, dan il-Kumitat għandu l-poter li jitlob informazzjoni minn sorsi varji, li jinkludi għaqdiet, assoċjazzjonijiet, kummissjonijiet, eċċ. sabiex jiġi stabbilit dawn kif jistgħu jiġu affettwati minn leġislazzjoni li l-Kummissjoni tkun qiegħda tipproponi, leġislazzjoni li meta jintlaħaq qbil fuqha tkun trid tiġi trasposta fil-liġi Maltija.

Dokumenti jew proposti li m'għandhomx relevanza diretta għal persuni b'diżabilità jista' xorta waħda jkollhom xi effett fuq dan il-grupp ta' persuni. Għaldaqstant ir-rwol tal-Kumitat ikun dak li jassigura li l-Gvern ikun ħa dan il-fattur in konsiderazzjoni meta jkun qed jifformola l-pożizzjoni tiegħu fuq dak id-dokument.

**Konlużjoni**

Għalkemm il-politika f'dan il-qasam baqgħet primarjament f'idejn l-Istati Membri (minħabba l-prinċipju tas-sussidarjetà), wieħed ma jistax ma jkunx favur l-inizjattivi li qed tieħu l-UE f'dan il-Pjan t'Azzjoni li permezz tiegħu nantiċipaw illi persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem aktar sħiħ u attiv fil-komunità tagħhom.

Minn issa 'l quddiem nistennew li joħorġu proposti konkreti fl-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni li kif spjegat qabel iridu jgħaddu mill-iskrutinju tal-Parlament qabel il-pożizzjoni tal-Gvern Malti tiġi kristalizzata.

MEP, Ċermen
tal-Grupp Interparlamentari
dwar id-Diżabilità
tal-Parlament Ewropew

# Diskors Prinaċipali mill-Onor Richard Howitt

Sinjuri,
Għandi pjaċir kbir inkun hawn illum biex niltaqa' ma' attivisti importanti fil-kamp tad-diżabilità f'Malta u li nitgħallem mingħandkom dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernawkom l-aktar.

Jien ilni impenjat fil-kamp tad-diżabilità għal dawn l-aħħar għoxrin sena u l-ħajja tax-xogħol tiegħi bdejtha bħala attivist f'dan il-kamp tad-diżabilità ġewwa r-Renju Unit.

Jiena qiegħed hawn bħala President tal-Intergroup dwar id-diżabilità tal-Parlament Ewropew u bħala membru Parlamentari Ewropew, kif ukoll membru tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew fuq Affarijiet Barranin. Qiegħed ukoll fil-Kumitat ta' l-Impjiegi u Affarijiet Soċjali.

Nixtieq ngħid li l-Intergroup dwar id-diżabilità huwa kumitat informali magħmul minn membri minn kull partit rappreżentat fil-Parlament Ewropew u mill-25 Stat membru ta' l-UE.

Jien naf li ħafna minnkom ħadu sehem importanti s-sena l-oħra, fil-bidu tal-Parlament Ewropew ġdid sabiex tinfurmaw il-Membri Parlamentarji tagħkom dwar l-eżistenza u x-xogħol tal-Intergroup dwar id-diżabilità. Naf ukoll li għentu biex tiżguraw li tnejn mill-ħames MEP isiru membri ta' l-Intergroup dwar id-diżabilità: Louis Grech MEP (PSE) u Joseph Muscat MEP (PSE).

Bħalissa hemm 110 MEP li huma membri ta' l-Intergroup dwar id-diżabilità u dan ifisser li għandna preżenza qawwija ħafna fix-xogħol ta' kuljum tal-Parlament Ewropew.

Għandna mill-inqas erba' MEP impenjati sabiex jippromwovu d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità fil-Kumitati prinċipali tal-Parlament Ewropew. Riżultat ta' dan, qegħdin nagħmlu progress importanti fil-mainstreaming ta' l-aġenda dwar id-diżabilità fost l-20 Kumitat tal-Parlament Ewropew.

L-Intergroup dwar id-diżabilità huwa mibni fuq il-mudell ibbażat fuq id-drittijiet u l-mudell soċjali tad-diżabilità, kif ukoll fuq l-importanza ta' parteċipazzjoni diretta minn persuni b'diżabilità nfushom fil-proċess li

jwassal għal deċiżjonijiet. L-Intergroup jisma' b'attenzjoni lill-għaqdiet kollha li jirrappreżentaw persuni b'diżabilità u, bħalma tafu, jaħdem mill-qrib mal-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità.

**Ir-Rwol tal-Parlament Ewropew fid-deċiżjonijiet li jsiru mill-UE**

Il-Parlament Ewropew hija l-unika istituzzjoni eletta b'mod dirett mit-tliet istituzzjonijiet kbar ta' l-UE; it-tnejn l-oħra huma l-Kunsill (fejn l-Istati Membri huma rappreżentati) u l-Kummissjoni Ewropea (l-amministrazzjoni li taħdem kemmxejn bħas-servizz ċivili, imma l-Kummissjoni għandha wkoll il-poter li tibda u tipproponi abbozz leġislattiv).

Il-poter tal-Parlament Ewropew kiber matul is-snin, u bħalissa żewġ terzi tad-deċiżjonijiet kollha ta' l-UE jridu jittieħdu mill-Parlament Ewropew u l-Istati Membri flimkien.

Dan ifisser li l-Parlament Ewropew huwa importanti ħafna fit-tfassil tad-deċiżjonijiet ta' l-UE. Aħna l-istituzzjoni l-aktar qrib tagħkom mit-tliet istituzzjonijiet u, bħala l-unika istituzzjoni direttament eletta, l-MEP huwa faċli li ssibu u lest biex jaħdem magħkom billi jtella' l-kwistjonijiet tagħkom u jinkludihom fl-emendi li nagħmlu għall-proposti kemm leġislattivi u mhux leġislattivi ta' l-UE fl-oqsma kollha tagħha.

**Ir-Reazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Pjan t'Azzjoni dwar id-Diżabilità**

Jien ġejt mistieden biex nitkellem dwar il-Pjan t'Azzjoni tal-Kummisjoni Ewropea dwar id-diżabilità ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru tas-sena l-oħra kif ukoll dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew fil-promozzjoni u t-tmexxija ta' l-impenji ta' dan il-Pjan t'Azzjoni.

Il-Parlament Ewropew irreaġixxa malajr ħafna għall-proposti inklużi fir-rapport ta' Mantovani fuq Opportunitajiet Indaqs għal persuni b'diżabilità. (April 2004)

Il-pożizzjoni tagħna fuq il-Pjan t'Azzjoni kienet tirrifletti ħafna x-xewqat tal-Parlament Ewropew tal-Persuni b'Diżabilità li sar f'Novembru 2003, li fih rappreżentanti Maltin ipparteċipaw b'mod attiv.

Aħna ovvjament ilqajna l-proposta u l-pjanijiet għal rapportaġġ regolari min-naħa ta' l-Istati Membri fuq kif qed iwettqu l-impenji tagħhom dwar il-Pjan t'Azzjoni.

Fl-istess ħin tassew iddispjaċina għall-mod kif il-Pjan t'Azzjoni enfażiżża żżejjed u b'mod dejjaq il-Politika ta' Impjieg u Edukazzjoni.

Ovvjament il-Pjan t'Azzjoni jitkellem fuq il-mainstreaming tal-Politika dwar id-Diżabilità u fuq il-bżonn li jitniżżlu l-ħitan kollha li qed ikunu ta' xkiel għal dan il-Pjan. L-ewwel perjodu tal-pjanijiet t'azzjoni ffoka ħafna fuq in-nuqqas ta' impjieg, speċjalment:

- Aċċess u ritenzjoni ta' l-impjieg, inkluż il-ġlieda kontra diskriminazzjoni.

- Tagħlim tul il-ħajja kollha ta' l-individwu sabiex jgħinu jżid iċ-ċans ta' impjieg, fl-abilità li jaddatta għal kundizzjonijiet

ġodda, fl-iżvilupp personali u fiċ-ċittadinanza attiva.

- Tekonoloġiji ġodda li jagħtu aktar poter lill-persuni b'diżabilità u jiffaċċilitaw l-aċċess għall-impjieg.

- Aċċess għall-ambjent mibni pubbliku sabiex itejbu l-parteċipazzjoni fil-post tax-xogħol u l-integrazzjoni fis-soċjetà ekonomika.

Kwistjoni importanti li tellajna kienet il-ħtieġa li l-Kummissjoni Ewropea tlesti orarju għas-sottomessjoni ta' proposta għal Direttiva dwar id-Diżabilità speċifika. Barra dan tlabna għal tibdil fil-leġislazzjoni Ewropea dwar servizzi u prodotti biex b'hekk nippromwovu u nsaħħu l-aċċess għad-diżabilità.

Il-Parlament Ewropew talab biex ir-rapport ta' kull sentejn li jagħmlu l-Istat Membri u l-Kummissjoni Ewropea jingħata lill-Parlament Ewropew għar-reazzjonijiet tiegħu.

Aħna rridu nużaw dan ir-rapport ta' kull sentejn u x-xogħol tal-Kummissjoni fir-rigward tal-politika kontra d-diskriminazzjoni biex nimbuttaw għal għanijiet u objettivi aktar ambizzjużi.

Prijoritajiet importanti għax-xhur li ġejjin ser ikomplu jkunu:
- L- implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament Indaqs fix-Xogħol;
- Il-futur tal-Politika Ewropea kontra d-diskriminazzjoni u d-Direttiva dwar id-Diżabilità speċifika;
- Il-Fondi Strutturali;
- L-Aġenda tal-Politika Soċjali u l-impenji u azzjonijiet fuq l-impjieg u l-inklużjoni soċjali;
- Trasport: żewġ proposti leġiżlattivi għal drittijiet ta' passiġġieri b'diżabilità fuq it-trejn jew l-ajru;
- L-aċċessibilità elettronika: reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Komunikazzjoni Elettronika u l-aċċess għall-Internet;
- Il-mainstreaming ta' l-Aġenda dwar id-Diżabilità f'kull qasam ta' politika Ewropea.

Hawnhekk għandna bżonn inkunu nafu x-xewqat tagħkom.

L-Intergroup dwar id-diżabilità u l-Parlament Ewropew ser ikunu interessati ħafna biex jirċievu informazzjoni mill-moviment ta' persuni b'diżabilità f'Malta dwar kemm il-Gvern Malti qed iwettaq b'mod tajjeb il-leġiżlazzjoni Ewropea fuq livell nazzjonali kif ukoll kemm l-impenji dwar diżabilità qed jiġu mwettqa.

**Id-Diżabilità: Leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni f'Malta**

Jiena naf li Malta diġà għandha leġislazzjoni komprensiva dwar diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità taħt il-forma ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), 2000.

Għalhekk wieħed jista' jsaqsi kif il-miżuri li jittieħdu fuq il-livell ta' l-UE jista' jkollhom effett fuq persuni b'diżabilità; x'inhu l-valur miżjud ta' leġislazzjoni Ewropea meta diġà

għandkom liġi dwar id-diżabilità mifruxa f'kull qasam tal-ħajja?

Iżda jiena naf li hemm problemi serji dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Maltija.

Jiena nifhem li l-mekkaniżmu ta' l-infurzar biex jiżgura li din il-leġislazzjoni tiġi mwettqa fil-prattika għad fadallu fejn jissaħħaħ sabiex ikun iktar effettiv.

Huwa żgur li kwistjoni importanti ħafna li hemm ħtieġa li l-moviment tal-persuni b'diżabilità jiġi mmobiliżżat, u naf ukoll li, bħalma huwa l-każ f'ħafna pajjiżi fl-Ewropa, ħafna persuni b'diżabilità fl-Ewropa għadhom ma jafux bid-drittijiet tagħhom u ma jirrejaliżżawx li qed ikunu ddiskriminati kuljum!

Tajjeb meta tisma' li l-Unit Malti għal Opportunitajiet Indaqs qed jirċievi lmenti minn persuni b'diżabilità iżda hemm bżonn ta' aktar miżuri li jagħtu poter lill-persuni b'diżabilità sabiex iqumu għad-drittijiet tagħhom u jitkellmu għalihom infushom!

**Il-valur miżjud li għandha l-UE għal Malta**
L-azzjoni fuq il-livell ta' l-UE, il-progress, u l-viġilanzi fuq kif il-Pjan t'Azzjoni ta' l-UE jiġi implimentat, jista' jgħin lill-moviment Malti tal-persuni b'diżabilità b'diversi modi:

- Tiffoka fuq il-prijoritajiet ta' l-Istati Membri u tagħti mezz kif il-moviment tal-persuni b'diżabilità Ewropea jistgħu jiddeterminaw dawn il-prijoritajiet.

- Il-proċess sabiex jintlaħqu l-livelli meħtieġa fuq livell ta' l-UE ('benchmarking') huwa inċentiv b'saħħtu biex Stati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-homework u ma jaqgħux lura fit-twettieq tal-wegħdiet tagħhom.

- Il-Kummisjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew għandhom ir-rwol importanti fil-monitoraġġ ta' l-impenji ta' l-UE kif ukoll sabiex jiddentifikaw id-djufijiet li hemm. Il-pressjoni politika li nistgħu nagħmlu fuq l-Istati Membri jista' jkun effettiv ħafna.

- Il-fondi li tagħti l-UE huma inċentiv importanti ħafna biex l-Istati Membri jagħmlu x-xogħol meħtieġ, b'mod partikolari l-Istati Membri ġodda bħal Malta.

Per eżempju, kampanja kbira għall-moviment tal-persuni b'diżabilità bħalissa hija li jiżguraw li l-prinċipju li ma ssirx diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità, kif ukoll l-aċċessibilità jkunu kundizzjoniet biex jingħataw il-fondi strutturali. Il-Parlament Ewropew jappoġġja din il-kampanja u għandu sehem ugwali fid-deċiżjoni li tittieħed dwar ir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali.

- Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja qiegħda hemm għalikom!

- Fil-każ ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Trattament Indaqs fl-Impjieg, il-Gvern Malti huwa obbligat li jimplimenta din id-Direttiva u l-Qorti Ewropea qiegħda hemm biex tiddefendi d-drittijiet ta' persuna b'diżabilità f'Malta

billi tobbliga lill-Gvern Malti li jħares id-dmirijiet legali tiegħu nkella jkollu jħallas multi u jiffaċċja l-mistħija internazzjonali.

- Il-leġislazzjoni ta' l-UE tipprovdi opportunità biex tissaħħaħ il-liġi nazzjonali.

- Ir-Renju Unit huwa sikwit imsemmi bħala eżempju ta' Stat Membru ta' l-UE li għandu l-aktar leġislazzjoni komprensiva dwar id-diżabilità fl-Ewropa. Filwaqt li r-Renju Unit għandu liġi kontra d-Diskriminazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità, jiena nista' nkun kburi u ngħid li d-Direttiva fuq it-Trattament Indaqs fl-Impjieg ta' l-UE imponiet bidliet pożittivi importanti ħafna lil din il-liġi billi fetħet il-providimenti kontra d-diskriminazzjoni biex tinkludi lis-sidien li jħaddmu KOLLHA (qabel, din il-liġi fir-Renju Unit kienet torbot biss lill-kumpaniji kbar biss).

- Dan huwa eżempju tajjeb ta' kif il-leġislazzjoni ta' l-UE mhijiex biss dwar standard minimu imma dwar opportunità biex tagħmel aktar.

**Konklużjoni**
Għalhekk huwa essenzjali li intom tipparteċipaw b'mod attiv biex tassiguraw li l-Gvern Malti jwettaq il-Pjan t'Azzjoni sewwa, bħalma huwa essenzjali l-infomazzjoni li tibgħatulna, eżempju lill-Intergroup dwar id-diżabilità u lill-Parlament Ewropew.

Jekk jogħġobkom għamlu użu mill-Membri Parlamentari tagħkom!

Huma qegħdin hemm biex jgħinukom, u jien naf li kemm is-Sur Muscat kif ukoll is-Sur Grech huma impenjati bil-kbir fil-qasam tad-diżabilità.

Aħna għandna bżonn inkunu nafu dwar l-affarijiet li jaffettwawkom biex inkunu leħen tagħkom effettiv. Għandna ħafna xogħol quddiemna biex nirranġaw is-sitwazzjoni ta' llum.

Ċermen, Kummissjoni
Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

# Is-Sur Joseph M. Camilleri

Is-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità 2003 kienet intlaqet b'sodisfazzjon u apprezzament mill-persuni b'diżabilità kollha. Dan għaliex ħafna jiftakru l-effett posittiv u fit-tul li kienet ħalliet warajha s-Sena Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità li kienet iddikjarat il-Ġnus Magħquda fl-1981.

Dak iż-żmien l-istati membri tal-komunità internazzjonali bdew, f'ħafna minnhom għall-ewwel darba, jiffukaw fuq is-sitwazzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità f'pajjiżhom. Biex dan iseħħ, għen mhux ftit il-pubblikazzjoni tal-Ġnus Magħquda msejjaħ *The World Programme of Action for the Equalization of Opportunites for Persons with Disability*.

Dan l-eżerċizzju ssaraf f'azzjoni konkreta: rajna l-vuċi tal-persuni b'diżabilità tissaħħaħ, rajna l-addottazzjoni fuq livell internazzjonali tal-mudell soċjali tad-diżabilità u bdejna naraw ukoll mixja lil hinn mid-diżabilità bħala att ta' karità, għall-idea tad-diżabilità bħala stat soċjali u allura bħala stat ta' nuqqas t'opportunitajiet indaqs u ksur tad-drittijiet individwali: umani u ċivili. L-1981 ta' bidu għal għaxar snin ta' ħidma fuq id-diżabilità (the *UN Decade of Persons with Disability*) li f'1993 rat il-pubblikazzjoni ta' l-i*Standard Rules for the Equalisation of Opportunities for Persons with Disabilities*.

Naturalment, il-persuni b'diżabilità fl-istati membri ta' l-Unjoni Ewropea (UE) qed jittamaw li l-2003 tħalli l-istess frott u li dan kollu jissarraf f'titjib sostanzjali fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità Ewropej, li s'issa għandna niffaċċjaw diskriminazzjoni f'kull aspett u kull livell tal-ħajja tagħna ta' kuljum.

Infatti, punt kruċjali għas-suċċess tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità 2003 se tkun jekk din tipproduċix riżultati sostenibbli 'l hinn mis-sena stess.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) laqgħet b'entusjażmu kbir l-isfidi li ġabet magħhom is-sena 2003 fil-konfront ta' ħidma relatata mal-qasam tad-diżabilità. Tant hu hekk li, minkejja li n-numru ta' l-istaff tal-Kummissjoni huwa wieħed żgħir ħafna, proporzjonalment ġew organizzati numru sostanzjali ta' attivitajiet matul is-sena. Fil-fatt, il-mira li tiġi organizzata attività maġġura fuq livell

nazzjonali, kull xahar matul l-2003, intlaħqet u anki, f'xi drabi, inqabżet.

Filwaqt li nifhmu li dan ir-ritmu ta' xogħol ma jistax jinżamm kostanti, aħna żammejna ħajja l-ambizzjoni li bil-ħidma tagħna nżommu ħaj l-ispirtu tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità u għaldaqstant għadna nippruvaw nibnu fuq il-momentum u l-akkwisti li saru. Fl-istess waqt bqajna nikkonfrontaw sfidi ġodda u aktar diffiċli.

F'dan il-proċess il-Kummissjoni Ewropea tapprezza l-opportunità biex twassal il-vuċi tagħha dwar oqsma diversi ta' diżabilità. Din il-komunikazzjoni qed issir wara li sar proċess ta' konsultazzjoni fuq livell lokali ma' persuni b'diżabilità, ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom, u l-għaqdiet diversi li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità.

Permess ta' din il-komunikazzjoni l-Kummissjoni trid toħloq triq sostenibbli u operattiva għall-oqsma tad-diżabilità f'Ewropa akbar.

**L-Inklużjoni tal-Persuni b'Diżabilità**
Il-Kummissjoni preżenti qed tagħti l-qafas ta' inizjattivi ta' l-UE li jħarsu 'l quddiem bil-għan li tissaħħaħ l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fl-ekonomija u fis-soċjetà ta' UE akbar.

Il-Kummissjoni ssostni li għandna nsusu fuq tliet obbjettivi operattivi ċentrali għall-ħidma proposta. Dawn huma:

(a) l-applikazzjoni b'mod komprensiv tad-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali fl-Impjieg (2000/78/EC),

(b) it-tisħiħ tal-kunċett ta' mainstreaming tal-oqsma tad-diżabilità fil-politika kollha relevanti tal-Komunità Ewropea, u

(ċ) titjib fl-aċċessibilità għal kulhadd fuq bażi wiesgħa.

**Pjan t'Azzjoni**
Il-Komunikazzjoni tintroduċi Pjan t'Azzjoni li jinfirex fuq diversi snin u bħala orizzont għal dan il-pjan hemm s-sena 2010. Fost l-għanijiet tal-Pjan t'Azzjoni nsibu:

- li l-oqsma tad-diżabilità għandhom jigu mainstreamed fil-policies relevanti tal-Komunità Ewropea u
- l-iżvilupp ta' azzjonijiet konkreti f'oqsma kruċjali li jsaħħu l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità.

**Mainstreaming ta' l-Oqsma tad-Diżabilità**
Bla dubbju ta' xejn il-proċess ta' mainstreaming ta' l-oqsma tad-diżabilità f'kull aspett u kull livell ta' ħidma nazzjonali u internazzjonali huwa kruċjali f'dak li hu inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà, biex ikun hemm titjieb konkret fil-kwalità ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll biex ikun hemm bidla radikali u dejjiema fl-attitudini, fil-policies u fil-prattika.

Bħala għodda li tissapportja l-mainstreaming tal-oqsma tad-diżabilità fil-policies prinċipali ta' l-UE, il-Kummissjoni se tippubblika rapport kull sentejn dwar is-sitwazzjoni globali tal-persuni b'diżabilità f'UE akbar.

Dan ir-rapport jieħu konsiderazzjoni ta' żviluppi ġodda fl-istati membri.

Fl-istess ħin il-Kummissjoni tipproponi li tkompli ssaħħaħ l-involviment ta' dawk kollha interessati u l-atturi prinċipali fid-djalogu politiku bil-għan, kif semmejna aktar 'il fuq, li jseħħ tibdil profond u dejjiemi fl-ekonomija u fis-soċjetà in ġenerali.

**L-Impjieg**

Fattur prinċipali ta' l-inklużjoni soċjali, kien u għadu jibqa' l-impjieg. Għalhekk, l-ewwel fażi ta' l-implimentazzjoni ta' Pjan t'Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabilità (li se jiġi żviluppat fl-2004 u 2005) tiffoka fuq tliet azzjonijiet ta' prijorità relatati mal-qasam tax-xogħol:

- teknoloġiji ġodda li jagħtu s-saħħa morali lill-persuni b'diżabilità u hekk jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-impjieg;

- aċċessibilità għall-ambjent pubbliku mibni biex titjieb il-parteċipazzjoni fuq il-post tax-xogħol; u

- l-integrazzjoni fl-ekonomija u fis-soċjetà.

**Fl-Aħħar Nett**

Ir-rapport ta' kull sentejn tal-Kummissjoni fuq is-sitwazzjoni globali tal-persuni b'diżabilità f'Ewropa akbar ser jiġi użat bħala l-bażi biex jiġu iddentifikati l-prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati fil-fażijiet ta' wara tal-Pjan t'Azzjoni fid-dawl ta' l-impatt li jkollhom il-policies ta' l-UE fuq is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità.

Attivist b'diżabilità

# Is-Sur Gordon C. Cardona

Qabel ma nitkellmu dwar dak li l-persuni b'diżabilità jridu mill-UE, irridu l-ewwel nagħtu ħarsa lejn l-azzjonijiet pożittivi li l-UE qed tieħu sabiex tiżgura l-inklużjoni sħiħa ta' persuni b'diżabilità fl-UE.

**Direttiva ta' l-UE dwar Trattament Indaqs fil-Qasam tax-Xogħol u l-Impieg**

Din id-direttiva għandha l-għan li jintlaħqu dawn li ġejjin:

- li tiżgura opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilità;
- li tipprovdi opportunitajiet għal taħriġ u l-possibilità li tmur aħjar fl-impjieg;
- li taħdem kontra diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità.

Ġa ttieħdu miżuri li jiżguraw li d-diżabilità ma tintużax bħala skuża li teskludi persuni b'diżabilità milli jgawdu l-istess drittijiet ta' persuni mingħajr diżabilità. Waħda mill-affarijiet li s'issa kienet ta' diffikultà għal persuni b'diżabilità hija l-moviment ħieles fl-UE.

**Ir-Regoli ta' l-UE Rigward id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità li jivvjaġġaw bl-Arju**

Miżura daqshekk speċifika sservi biex tiżgura li persuni b'diżabilità ma jiġux iddiskriminati. Din tgħid:

- passiġġieri b'diżabilità m'għandhomx iħallsu aktar għas-servizzi meħtieġa jew ma jitħallewx jirkbu l-ajruplan.

u b'hekk tiżgura li persuni b'diżabilità ma jiġux imċaħħda d-dritt ta' l-ivvjaġġar minħabba d-diżabilità tagħhom.

Barra minn hekk, ċerti regolamenti jiżguraw li persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jużaw il-mezzi ta' trasport u komunikazzjoni sabiex tiżgura l-inklużjoni fil-ħajja soċjali.

Hemm bżonn ukoll ta' aċċess:

- Fis-servizzi ta' telekomunikazzjoni;
- Fil-karozzi tal-linja u mezzi oħrajn pubbliċi fl-UE.

**Il-Kostituzzjoni ta' L-UE[1]**
Il-Kostituzzjoni ta' l-UE, billi tinkludi d-drittijiet tal-bniedem fiha għandha tiżgura li d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità jkunu rispettati u mħarsa.

**Prinċipji importanti**
Sabiex b'mod realistiku  nistgħu nistennew l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fl-UE, għandna nżommu f'moħħna dawn il-prinċipji:

**Mainstreaming ta' diżabilità**
Persuni b'diżabilità għandhom jiġu inklużi f'kull qasam ta' l-UE, mill-edukazzjoni sal-politika, mill-isport sad-dinja tal-ispettaklu. Sabiex persuni b'diżabilità jsiru parti mill-komunità, jridu jiġu inklużi f'kull aspett tal-politika.

**Ħarsien tal-fondi strutturali**
Il-fondi strutturali, li huma s-sinsla tat-tħaddim tal-għanjiet politiċi għandhom jitħarsu u jiġi wżati għal proġetti li jikkontribwixxu għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità f'kull qasam tal-ħajja. Dan huwa importanti speċjalment għaliex dawn għandhom jintużaw biex jagħtu ċans lill-persuni b'diżabilità li jħaddmu d-drittijiet tagħhom fi strutturi soċjali u ekonomiċi.

Filwaqt li nżommu dawn il-linji gwida f'moħħna, ejja nħarsu sewwa lejn ir-rikjesti li persuni b'diżabilità qed jagħmlu lill-UE.

[1] Meta saret din il-preżentazzjoni l-proċess ta' ratifikazzjoni tal-kostituzzjoni kienet għada kemm bdiet.

**Regolamenti Speċifiċi għal Persuna b'Diżabilità**
Aktar regolamenti ta' dan it-tip jiżguraw li d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità ma jiġux injorati jew imġenba, bħalma hija d-DIRETTIVA TA' PASSIĠĠIERI B'DIŻABILITÀ li jivvjaġġaw bl-ajru.

Id-direttivi mmirati lejn diżabilitajiet speċifiċi msemmija aktar qabel huma bidu tajjeb, iżda aktar direttivi ta' dan it-tip għandhom jiżguraw l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità f'oqsma oħra tal-ħajja.

**Talbiet importanti**
Hawn huma t-talbiet l-aktar importanti li jiżguraw li persuni b'diżabilità jiġu mogħtija ċans ugwali biex jieħdu sehem fl-UE.

- Assistenza personali
- Għandu jeżisti konformità u servizz ta' kwalità tajba għal persuni b'diżabilità fl-Ewropa.

L-assistenza personali hija fattur kruċjali għal ħafna persuni b'diżabilità biex b'hekk tgħinhom jgħixu awtonomi u indipendenti f'ħajjithom. Dan is-servizz għandu jkun uniformi u ta' kwalità tajba madwar l-Ewropa kollha. Sfortunatament, ħafna drabi dan is-servizz huwa mmexxi minn dak li jipprovdi s-servizz u mhux minn dak li jużah.

**Għixien Independenti**
Persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-opportunità li jgħixu bl-iktar mod indipendenti possibli permezz tas-strutturi u servizzi li jaħdmu. Il-kunċett ta' l-għixien indipendenti jfisser li l-persuna b'diżabilità

jkollha kontroll fuq ħajjitha u li tkun tista' tagħżel lil min joffrilha l-għajnuna u l-assistenza fil-ħajja ta' kuljum.

Minflok toqgħod tiffoka fuq l-istituzzjonijiet, l-Ewropa jmissa tiżgura li persuni b'diżabilità jkunu membri attivi u jagħtu sehemhom lis-soċjetà.

Ir-realtà, sfortunatament, hija li xi persuni b'diżabilità għadhom isibu lilhom infushom imsakkrin f'istituzzjonijiet jew postijiet segregati bil-konsegwenza li jitilfu kontroll fuq ħajjithom.

**Rappreżentazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità fil-Politika ta' l-UE**

Għalkemm persuni b'diżabilità għandhom vuċi aktar qawwija fid-deċiżjonijiet politiċi, għad hemm spazju li fih persuni b'diżabilità jistgħu jieħdu sehem akbar fid-deċiżjonijiet politiċi li jsiru.

Il-feedback ta' persuni b'diżabilità huwa essenzjali jekk irridu naraw Ewropa aktar miftuħa u inklużiva.

Jekk l-istrutturi soċjali, ekonomiċi u politiċi ma jippermettux parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità, ma tantx hemm ċans li l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità tkun suċċess.

Dan iċ-ċirku vizzjuż ta' esklużjoni għandu jkun indirizzat sabiex il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità ssir realtà konkreta.

Għalhekk huwa rrakkomandat l-użu tal-mudell soċjali tad-diżabilità sabiex dan iseħħ.

Għandna nibdew mill-mudell soċjali, li jħares lejn id-diżabilità bħala mqabbda fl-esklużjoni soċjali. Din l-esklużjoni toħloq attitudnijiet negattivi u tibni ħitan. Jekk aħna nimxu biss billi nagħrfu l-problemi li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità fejn hemm limitazzjonijiet individwali, ma nagħmlu xejn biex inbiddlu l-inugwaljanzi li jeżistu fis-soċjetajiet tagħna.

**L-Infurzar tal-Liġijiet kontra d-Diskriminazzjoni u d-Drittijiet Umani**

Għalkemm leġislazzjoni ta' dat-tip hija vitali għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità, din il-leġislazzjoni tkun għalxejn jekk mhemmx strutturi li jimplimentaw il-liġijiet u f'nuqqas ta' infurzar.

Il-liġi hija importanti sabiex tiżgura li d-drittijiet tagħna bħala persuni b'diżabilità huma mħarsa. Minkejja dan, huwa inutli li jkollok liġi li tinkiser kif ġieb u laħaq.

Ma ninsewx li persuni b'diżabilità għadhom ikunu vittmi ta' vjolenza u abbuż aktar minn gruppi oħra.

Forsi dak li huwa aktar inkwetanti huwa li dan il-fatt rari jingħata każ u dan għandu jagħmilna konxji ta' kemm huwa importanti nħarsu d-drittijiet umani ta' persuni b'diżabilità.

**Passaport ta' Benefiċċji**

Konformità ta' benefiċċji madwar l-Ewropa jagħmlu possibbli biex persuni b'diżabilità jħaddmu d-dritt ta' moviment bla xkiel b'mod aktar realistiku mil-lum.

Uniformità ta' servizzi u benefiċjenzi jiżguraw li d-drittijiet u opportunitajiet ta' persuni b'diżabilità jiġu mħarsa.

Uniformità ta' benefiċċji u servizzi tiżgura li persuni b'diżabilità jiġu ttrattati b'mod indaqs f'kull stat membru, u li tagħtihom għażla ikbar rigward il-post ta' fejn iridu joqogħdu u ta' kif ser jimxu minn stat għall-ieħor.

**Għajnuniet għad-Diżabilità (Disability Aids)**

Persuni b'diżabilità li jgħixu f'pajjiżi fejn servizzi u għajnuna għalihom mhumiex żviluppati sew għandhom jingħataw aktar għajnuna u assistenza.

Aħna ma rridux niffukaw biss fuq pajjiżi li diġà għamlu progress fil-qasam tad-diżabilità imma wkoll noffru għajnuna lill-pajjiżi li għadhom ma bnewx l-istrutturi u l-politika li hemm bżonn f'dan il-qasam.

**Nimxu 'l Quddiem fid-Direzzjoni t-Tajba**

L-UE qegħdha timxi fid-direzzjoni t-tajba iżda:

- Id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għandhom jiġu kkunsidrati f'kull qasam tal-ħajja, u

- Il-vuċi ta' persuni b'diżabilità għandha tinstema'.

Kif rajna, persuni b'diżabilità qed jingħataw l-attenzjoni meħtieġa fl-UE. Għad hemm, iżda ħafna x'irid isir. Jekk persuni b'diżabilità jibqgħu esklużi minn oqsma partikolari tal-ħajja, ma nistgħux nistennew dawk l-oqsma jkunu inklużivi ta' persuni b'diżabilità. Iżda, aktar importanti minn hekk, jeħtieġ li nisimgħu aktar dak li l-persuni b'diżabilità qegħdin jgħidu.

**Ewropa Aktar Inklużiva**

Is-suċċess jew le ta' Ewropa inklużiva tiddependi l-aktar:

- Mis-sehem tal-persuni b'diżabilità nfushom u

- L-opportunitajiet li jingħataw li permezz tagħhom jistgħu jħaddmu d-drittijiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà Ewropea.

Dawn iż-żewġ affarijiet huma qrib ħafna ta' xulxin, u nuqqas ta' ħaġa waħda minn din il-formula bilfors tinfluwenza l-oħra. Persuni b'diżabilità jmisshom isemmgħu leħinhom u jagħmlu l-preżenza tagħhom tinħass, iżda l-UE għandha tiżgura li persuni b'diżabilità jiġu mogħtija l-opportunità li jipparteċipaw f'kull qasam tal-ħajja Ewropea.

# Opportunitajiet Indaqs għall-**Persuni b'Diżabilità**: Pjan t'Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea

*COM(2003) 650 final*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni

## WERREJ


1. Sommarju eżekuttiv 21

2. L-isfond politiku 22
2.1 Il-mod globali li se timxi l-UE: objettivi u mezzi 22
2.2 Fatti u xejriet 25
2.3 L-akkwisti prinċipali ta' l-UE s'issa 26
2.4 Il-mewġa maħluqa mis-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità 2003 24
2.5 L-objettivi strateġiċi għall-futur 32

3. Il-Pjan t'Azzjoni Ewropew dwar id-diżabilità 35
3.1 Ir-razzjonal 35
3.2 L-ewwel fażi tal-pjan t'azzjoni Ewropew dwar id-diżabilità 36
3.2.1 L-aċċess għal impjieg u ż-żamma tal-impjieg 36
3.2.2 It-tagħlim tul il-ħajja kollha 39
3.2.3 L-użu tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda 41
3.2.4 L-aċċesibilità għall-ambjent pubbliku mibni 43

4. Il-monitoraġġ u l-istrutturi għat-tkomplija 45
4.1 It-titjib fil-kapaċita eżekuttiva 45
4.1.1 It-tisħiħ ta' l-istrutturi tal-kummissjoni 45
4.1.2 It-tisħiħ tal-ko-operazzjoni ma' l-Istati Membri 46
4.1.3 It-tisħiħ fil-ko-operazzjoni mal-Għaqdiet Mhux Governattivi 46
4.2 It-tisħiħ fil-governanza 46
4.2.1 Ko-operazzjoni aktar profonda mal-Għaqdiet Mhux Governattivi 46
4.2.2 Stedina lis-sħab soċjali biex jagħmlu kontribuzzjoni sħiħa ħalli jippromovu l-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità 47
4.2.3 Ir-rappurtaġġ lill-istituzzjonijiet u l-entitajiet ta' l-UE 47
4.3 Ir-rapport ta' l-UE fuq is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità 47
4.3.1 Ir-rapport kull sentejn dwar is-sitwazzjoni globali ta' persuni b'diżabilità f'Unjoni Ewropea akbar 47
4.3.2 L-iżvilupp ta' indikaturi kontestwali, il-ġbir ta' data u r-riċerka 47
4.3.3 L-evalwazzjoni tal-Pjan t'Azzjoni ta' l-UE 48

## 1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Punt kruċjali għas-suċċess tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità 2003 hi jekk din tipproduċix riżultati sostenibbli 'l hinn mis-sena 2003. Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mas-sħab kollha involuti f'din is-Sena, jridu jibnu fuq dan il-momentum u l-akkwisti li saru, waqt li jikkonfrontaw sfidi ġodda u aktar diffiċli. Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li toħloq triq sostenibbli u operattiva għall-oqsma tad-diżabilità f'Ewropa akbar. Tipprovdi punt ta' riferenza u qafas għat-tisħiħ tad-dimensjoni dwar id-diżabilità f'kull politika relevanti ta' l-UE, waqt li tissapportja u tistimula l-politika fil-livell nazzjonali.

Għalhekk, il-Kummissjoni preżenti qed tagħti l-qafas ta' inizjattivi ta' l-UE li jħarsu 'l quddiem bil-għan li tissaħħaħ l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fl-ekonomija u fis-soċjetà ta' UE akbar. Tliet objettivi operattivi huma ċentrali għall-ħidma proposta: l-applikazzjoni b'mod komprensiv tad-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali fl-Impjieg (2000/78/EC), tisħiħ tal-kunċett ta' mainstreaming tal-oqsma tad-diżabilità fil-politika kollha relevanti tal-Komunità, u titjib fl-aċċessibilità għal kulħadd.

B'mod partikulari, il-Komunikazzjoni tintroduċi Pjan t'Azzjoni li jinfirex fuq diversi snin u bħala orizzont għal dan il-pjan hemm s-sena 2010. L-għan tal-Pjan t'Azzjoni hu li l-oqsma tad-diżabilità jiġu mainstreamed fil-policies relevanti tal-Komunità u l-iżvilupp ta' azzjonijiet konkreti f'oqsma kruċjali li jsaħħu l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità. Bħala għodda li tissapportja l-mainsteaming tal-oqsma tad-diżabilità fil-policies principali ta' l-UE, il-Kummissjoni se tippubblika rapport kull sentejn dwar is-sitwazzjoni globali tal-persuni b'diżabilità f'UE akbar. Dan ir-rapport jieħu konsiderazzjoni ta' żviluppi ġodda fl-istati membri. Fl-istess ħin il-Kummissjoni tipproponi li tkompli ssaħħaħ l-involviment ta' dawk kollha interessati u l-atturi prinċipali fid-djalogu politiku bil-għan li jseħħ tibdil profond u dejjiemi fl-ekonomija u fis-soċjetà in ġenerali.

Billi l-impjieg jibqa' l-aktar fattur prinċipali għall-inklużjoni soċjali, l-ewwel fażi ta' l-implimentazzjoni ta' Pjan t'Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabilità - li se jiġi żviluppat fl-2004 u 2005 - se tiffoka fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet neċessarji li jippromovu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità, waqt li jagħmlu s-suq tax-xogħol in ġenerali aktar aċċessibbli għalihom mal-Unjoni kollha. Għalhekk, l-ewwel fażi ta' dan il-Pjan t'Azzjoni se tikkonċentra fuq 4 azzjonijiet prijoritarji relatati mal-qasam tax-xogħol:

- aċċess għall-impjieg u li jinżamm l-impjieg inkluż il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;
- tagħlim tul il-ħajja kollha biex tissapportja u żżid il-potenzjal li wieħed jiġi impjegat, li jkun kapaċi jaddatta aktar, l-iżvilupp personali u ċ-ċittadinanza attiva;

- teknoloġiji ġodda li jagħtu s-saħħa morali lill-persuni b'diżabilità u hekk jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-impjieg;
- aċċessibilità għall-ambjent pubbliku mibni biex titjieb il-parteċipazzjoni fuq il-post tax-xogħol u l-integrazzjoni fl-ekonomija u fis-socjetà.

Ir-rapport ta' kull sentejn tal-Kummissjoni fuq is-sitwazzjoni globali tal-persuni b'diżabilità f'Ewropa akbar jiġi użat bħala l-bażi biex jiġu identifikati l-prijoritajiet li jridu jiġu indirizzati fil-fażijiet ta' wara tal-Pjan t'Azzjoni fid-dawl tal-impatt li jkollhom il-policies ta' l-UE fuq is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità.

## 2. L-ISFOND POLITIKU

### 2.1 Il-mod globali li se timxi l-UE: objettivi u mezzi

L-impenn li issa ilu s-snin ta' l-UE lejn ċ-ċittadini b'diżabilità jimxi id f'id mal-mod ġdid kif inħarsu lejn il-persuni b'diżabilità; milli nħarsu lejn il-persuni b'diżabilità bħala reċipjenti passivi ta' kumpens għal Soċjetà li tagħraf it-talba leġittima tagħhom għal drittijiet indaqs u li tirrealizza li l-parteċipazzjoni hi direttament relatata mal-inserzjoni. L-għan ġenerali ta' l-UE jikkontribuwixxi għall-ħolqien ta' Soċjetà kompletament inklużiva u f'dan ir-rigward il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-ekonomija u fis-soċjetà għandhom sehem fundamentali.

Biex tilħaq dawn l-objettivi il-Kummissjoni qed tiżviluppa metodu ko-erenti u integrat li jagħmel użu minn taħlita ta' strumenti. F'dan il-kuntest ta' ristrutturar mgħaġġel ekonomiku u soċjali, il-Kummissjoni hi partikularment kommessa li tagħmel użu mill-metodi ta' ko-operazzjoni volontarja li jipprovdu għall-parteċipazzjoni adekwata ta' dawk kollha interessati: Stati Membri, sħab soċjali, soċjetà ċivili, eċċ. Dan hu ċar fil-każ tal-metodu miftuħ ta' ko-operazzjoni fl-oqsma tal-impjieg, l-inklużjoni soċjali u t-tagħlim matul il-ħajja kollha, li huma kruċjali għall-pesuni b'diżabilità u fejn l-objettivi komuni jistgħu jiġu tradotti f'policies nazzjonali u tixrid ta' prattiċi tajba.

- **It-tkabbir tar-rispett fid-diversità pemezz tad-drittijiet individwali**

L-għarfien u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità qegħdin fil-qalba tal-ħidma ta' l-UE. Artiklu 13 tat-Trattat tal-KE jagħti l-opportunità li l-Komunità ġġib 'il quddiem leġislazzjoni li għandha l-għan li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inter alia, minħabba d-diżabilità. Din il-ħidma diġà bdiet permezz tal-Direttiva ta' l-UE dwar it-trattament ugwali fix-xogħol[1] kif ukoll permezz tal-Programm Kontra d-Diskriminazzjoni b'mod partikulari. Min-naħa tagħha, il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali speċifikament tipproteġi d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u s-

suġġeriment li din tiġi inkorporata fit-Trattat futur ta' l-UE hu żvilupp kruċjali. Din il-Karta tagħmel id-drittijiet politiċi, ekonomiċi u ċivili indiviżibbli mid-drittijiet soċjali. L-artikli tagħha 21 u 26 jelenkaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Artiklu 26, b'mod partikolari jagħraf bħala dritt fundamentali "id-dritt ta' persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri ddisinjati biex jassiguraw l-independeza, l-integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità.

- **Nagħmlu l-ambjent aktar aċċessibbli billi neliminaw l-ostakoli**

L-UE tara wkoll id-diżabilità mibnija minn fatturi soċjali. Il-mudell soċjali ta' l-UE dwar id-diżabilità jenfasizza l-ostakoli ambjentali fis-soċjetà li ma jħallux il-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà. Dawn l-ostakoli jridu jitneħħew skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 2000 "Għal Ewropa ħielsa mill-ostakoli għall-persuni b'diżabilità"[2] li għandha implikazzjonijiet importanti fuq il-mod kif policies u liġijiet relatati mad-diżabilità qed jiżviluppaw bħalissa. L-aċċessibilità u l-mobilità issa qed jiġu ttrattati fid-dawl tal-opportunitajiet indaqs u d-drittt tal-parteċipazzjoni. B'mod partikulari, saret kruċjali li nassiguraw it-tneħħija ta' ostakoli tekniċi u legali għall-parteċipazzjoni effettiva tal-persuni b'dizabilità f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien u soċjetà li tagħtihom is-saħħa biex jużaw il-potenzjali tas-soċjetà tal-informazzjoni.

- **Inkoraġġiment għall-inklużjoni permezz ta' l-impjieg: L-Istrateġija Ewropea għal Impjiegi, il-fondi strutturali u l-immodernizzar tal-protezzjoni soċjali**

Id-dħul fl-impjieg hu kruċjali għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-ekonomija u fis-soċjetà in ġenerali. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tippermetti lill-persuni jaqilgħu l-għajxien tagħhom u li jipparteċipaw b'mod sħiħ. Tagħti wkoll lill-individwu aktar dinjità u grad ogħla ta' indipendenza. L-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi qed tikkontribwixxi għal bidla ġenerali fl-enfasi lil hinn minn programmi li jkunu speċifikament għall-persuni b'diżabilità għal approwċ aktar mainstreamed. Il-biċċa l-kbira tal-policies ta' Stati Membri ddisinjati biex jikkumbattu l-qgħad kbir inbidlu biex isiru aktar personalizzati, imfassla biex jindirizzaw il-bżonnijiet tal-individwi, inklużi dawk partikularment ta' gruppi vulnerabbli bħal ma huma l-persuni b'diżabilità. Il-programmi prinċipali tal-Fond Strutturali Ewropew u l-inizjattiva tal-Komunità EQUAL, bħala l-għodod finanzjarji ewlenin li permezz tagħhom il-Komunità tittraduċċi f'azzjoni l-għanijiet tagħha fir-rigward tal-impjieg ta' persuni b'diżabilità, qed jiffinanzjaw varjetà wiesgħa ta' azzjonijiet biex il-persuni b'diżabilità jiġu integrati fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tfittex li tassigura d-drittijiet tar-residenza aktar estensivi u fit-tul għall-ħaddiema b'diżabilità meta mqabbla ma' kategoriji oħra ta' ħaddiema emigranti fl-UE.

Is-sistemi moderni ta' protezzjoni soċjali huma essenzjali biex jipprovdu sapport adekwat lill-persuni b'diżabilità li ma jistgħux ikollhom dħul suffiċjenti minn xogħol u biex jippromovu aċċess għall-impjieg lil dawk li huma esklużi mis-suq tax-xogħol imma għandhom il-kapaċità li jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Għalhekk attenzjoni akbar trid tingħata lill-provediment ta' benefiċċji maħsuba biex jinċentivaw ix-xogħol, li juru li jaqbillek taħdem u li jegħlbu l-effetti ta' l-hekk imsejħa "nassa tal-benefiċċji". Din il-bidla minn dipendenza fit-tul fuq l-għoti passiv ta' benefiċċji għal miżuri attivi ta' xogħol jekk jiffittjaw b'mod adekwat is-sitwazzjonijiet individwali, ikollhom effett pożittiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-benefiċjarji kif ukoll għall-istima personali tagħhom. Jistgħu wkoll itejbu l-istruttrua u l-kwalità tal-infiq pubbliku u jikkontribwixxu biex jagħmlu dan l-infiq aktar sostenibbli f'termini ta' żmien medju.

F'dan ir-rigward, is-settur korporattiv għandu sehem importanti biex jippromovi integrazzjoni akbar, għall-benefiċċju kemm tal-kumpaniji nfushom kif ukoll għall-impjegati b'diżabilità u l-klijenti. Strateġiji progressivi ta' integrazzjoni qed jiġu żviluppati peress li issa l-kumpaniji qed jikkunsidraw li l-ispejjeż involuti biex taddatta l-post tax-xogħol, l-affarijiet u s-servizz bħala spejjeż li min-natura tagħhom huma tranzitorji. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni hi ħerqana li tissapportja sforzi biex jiġi ppreżentat u magħruf aktar il-każ strateġiku tad-diżabilità b'mod li jagħmel sens lill-komunità kummerċjali.

**Inkoraġġiment tal-integrazzjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-marġinalizzazzjoni: Il-Proċess Ewropew għall-Inklużjoni Soċjali**

Fi ħdan il-kuntest aktar wiesa' tal-istrateġija ta' Lisbona, l-inkoraġġiment tal-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità tmur lil hinn mill-integrazzjoni permezz tax-xogħol. F'dan ir-rigward, il-proċess ġdid għall-inklużjoni soċjali, li beda mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza fuq il-bażi tal-metodu miftuħ ta' ko-ordinament, għandu l-potenzjal li jgħin Stati Membri jiġġieldu b'mod aktar effettiv il-marġinalizzazzjoni ta' persuni b'diżabilità waqt li jassigura li dawk li huma l-aktar vulnerabbli ma jiġux esklużi mill-aċċess għad-drittijiet bażiċi, servizzi u riżorsi. Wara li ġie eżaminat it-tieni rawnd tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għal 2003-2005, il-Kummissjoni qed tipprepara r-Rapport Konġunt ġdid biex jiġi addottat waqt il-preparazzjoni għall-Kunsill tar-Rebbiegħa 2004. Aktar minn hekk, il-Kummissjoni se tkun attiva fi ħdan il-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali biex jiġu stabbiliti indikaturi tajbin biex ikejlu l-progress lejn il-qirda tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.

**Tisħiħ u għoti ta' poter lill-istrutturi fis-soċjetà li jsostnu l-parteċipazzjoni: il-perspettiva li d-diżabilità tiġi mainstreamed fis-setturi relevanti tal-politika**

Li tissapportja l-idea li ċ-ċittadini b'diżabilità jsiru parti effettiva tal-ekonomija u tas-

soċjetà in ġenerali tfisser parteċipazzjoni fil-mainstream għal kulħadd fejn dan hu possibbli u f'kull qasam possibbli - aktar milli segregazzjoni permezz ta' arranġamenti speċifiċi relatati mad-diżabilità. Il-kunċett ta' mainstreaming jirrikjedi t-tfassil ta' policies b'mod infurmat sew u parteċipazzjoni wiesgħa fil-proċess tat-tfassil tal-politika biex jiġi assigurat li persuni b'diżabilità u l-bżonnijiet diversi tagħhom u l-esperjenzi tagħhom ikunu fil-qalba ta' dan il-proċess kull darba li jkollu impatt, dirett jew indirett, fuq ħajjithom.

Għandu jkun innutat b'mod partikulari li s-sistemi tas-saħħa issa qed jintalbu li jagħtu importanza ġdida lill-objettiv biex persuni anzjani u/jew b'diżabilità jkun megħjuna jgħixu ħajja attiva, b'saħħitha u indipendenti sa aktar tard fil-ħajja. Qed issir enfasi fuq il-bżonn ta' strateġiji preventivi li jinkludu ikel li jħares is-saħħa u attività fiżika u mentali u li dawn jibdew fi ħdan l-istil tal-ħajja taż-żgħażagħ u persuni ta' età medja. Il-Kummissjoni u l-Kunsill adottat rapport konġunt f'Marzu 2003[3] li jistabilixxi l-bażi għal aktar kooperazzjoni madwar it-tliet objettivi prinċipali: aċċessiblità għal kulħadd, kwalità, u sostenibilità finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa. Sar-rebbiegħa 2004, il-Kummissjoni se toħroġ Komunikazzjoni li tistabilixxi l-proposti tagħha għal ko-operazzjoni akbar bejn l-Istati Membri, li tkun opportunità li l-qasam tad-diżabilità jkun mainsteamed f'dan il-qasam importanti.

## 2.2 Fatti u xejriet

Aspett importanti tal-mod kif l-Unjoni Ewropea tħares lejn il-qasam tad-diżabilità hi t-tkabbir tal-għarfien fuq il-kontribuzzjoni li l-persuni b'diżabilità jagħtu lis-Soċjetà. Il-mistoqsijiet dwar il-kejl huma kruċjali f'dan ir-rigward. Il-ħidma mhix faċli. Id-definizzjoni u l-kriterji biex tiġi determinata d-diżabilità fil-preżent huma espressi fil-liġijiet u l-prattiċi amministrattivi nazzjonali u huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor skond il-perċezzjoniet u l-mod kif kull pajjiż jaħdem f'dan il-qasam. Studju komparattiv ikkummissjonat millI-Kummissjoni Ewropea[4] juri d-diversità ta' persuni b'diżablità kif ukoll tal-ħafna definizzjoniet alternattivi ta' diżabilità. Dan jikkostitwixxi ostaklu biex tinġabar data li tkun komparabbli u turi li hemm skop għal skambju ta' informazzjoni u tagħlim dwar il-politika f'dan il-qasam.

Possibilità waħda hi li nħarsu lejn ir-riżultati tas-servejs li saru fuq il-livell tal-EU. Ċifri kkonsolidati mis-servejs tal-European Community Household Panel dwar id-diżabilità li saru a bażi ta' kif iddikjara min wieġeb stess, huma konsistenti mhux ħażin matul is-snin. Dawn juri li 14.5 fil-mija tal-popolazzjoni tal-età tan-nies li jaħdmu (jiġifieri bejn 16 u 64) jirrapportaw li għandhom xi forma ta' diżabilità[5]. Dan ifisser li kważi 15 fil-mija tan-nisa (età 16-64) u 14 fil-mija tal-irġiel (16-64) irrapportaw diżabilità severa jew moderata. Għal 14-il Stat Membru[6] dan jammonta għal bejn

wieħed u ieħor 26 miljun persuna ta' età li jaħdmu. Fl-10 pajjiżi kandidati, hu rrapportat li 25 fil-mija tal-popolazzjoni [7] jesperjenzaw xi forma ta' diżabilità. Dawn iċ-ċifri juru biċ-ċar li l-persuni b'diżabilia' mhumiex minoranza. Għalhekk l-issue tal-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità għandha tidher bħala issue li tikkonċerna lis-soċjetà kollha u li għandha l-bżonn tal-kontribuzzjoni ta' kulħadd.

Dawn iċ-ċifri juru b'mod ċar żewġ aspetti. L-ewwel, hemm ko-relazzjoni bejn l-età u d-diżabilità. Illum 63 fil-mija tal-persuni b'diżabilità huma akbar minn 45 u l-inċidenza tad-diżabilità probabbilment tiżdied, billi ħafna persuni jiżviluppaw xi diżabilità aktar tard fil-ħajja. 20 fil-mija tal-persuni li għandhom età bejn 60 u 64 għandhom diżabilità severa; 17.1 fil-mija jirrapportaw diżabilità moderata, waqt li 6.3 fil-mija biss ta' dawk li huma fil-grupp ta' bejn 60-64 irrapportaw li ma għandhom l-ebda diżabilità.[8] Xejriet demografiċi juru kura tas-saħħa aħjar għal persuni adulti b'diżabilità, flimkien ma' aspettattiva ta' ħajja itwal. Hu għalhekk ċar li n-numru ta' persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea qed jiżdied u se jkompli jiżdied - bħala konsegwenza tal-fatt li l-popolazzjoni qed tixjieħ. Dan kollu jipponta lejn il-bżonn li jiżdiedu l-opportunitajiet għal kulħadd fil-qasam tal-aċċessibilità, l-użu ta' soluzzjonijiet globali artikulati l-aktar fuq il-prinċipji ta' Disinn għal Kulħadd.

It-tieni dawn iċ-ċifri juru potenzjal importanti mhux użat għall-iżvilupp tat-tkabbir ekonomiku. 42 fil-mija biss tal-persuni b'diżabilità huma impjegati, imqabbel ma' kważi 65 fil-mija tal-persuni bla diżabilità, u xejn anqas minn 52 fil-mija tal-persuni b'diżabilità huma ekonomikament inattivi, imqabbel ma' 28 fil-mija biss tal-persuni bla diżabilità[9]. Waqt li d-diżabilità tibqa' ostakolu sinifikanti għall-inklużjoni permezz tax-xoghol, dawn iċ-ċifri juru l-kobor tal-ħidma meħtieġa. Billi neliminaw l-ostakoli għas-suq tax-xogħol ikun possibbli li noħolqu l-opportunitajiet.

### 2.3 L-akkwisti prinċipali ta' l-UE s'issa

- **Il-kontribuzzjoni għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bl-użu ta' Artiklu 13 tat-Trattat**

A bażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta fis-27 ta' Novembru 2000 id-direttiva 2000/78/EC[10], "li tistabilixxi qafas ġenerali għal trattament indaqs fix-xogħol". Id-direttiva tipprojbixxi kull diskriminazzjoni, kemm jekk hi diretta kif ukoll indiretta, a bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Fir-rigward tad-diżabilità, din id-direttiva tirrikonoxxi li jekk tonqos milli tipprovdi akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol, din tikkostitwixxi diskriminazzjoni. F'termini prattiċi "akkomodazzjoni raġonevoli" tinkludi miżuri biex timmodifika l-post tax-xogħol għall-ħaddiem individwali li għandu diżabilità, per eżempju billi timmodifika l-bini u l-apparat, kif ukoll l-ħinijiet tax-xogħol, eċċ biex tiffaċilita l-

aċċess tiegħu fl-impjieg. Stati Membri għandhom sa Diċembru 2003 biex jittrasportaw il-provedimenti ta' din id-Direttiva fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Huma wkoll għandhom il-possibilità li jestendu għal 5 snin milli jdaħħlu din id-direttiva fil-liġijiet tagħhom fir-rigward tal-provedimenti relatati mad-diżabilità u l-età.

Il-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità biex tiġġieled id-diskriminazzjoni (2001-2006)[11] għandu l-għan li jissapportja l-Istati Membri fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Iħalli l-Komunità tiffinanzja numru ta' attivitajiet biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni a bażi ta' diżabilità, bħala ma huma l-bini ta' networks u sħubija, konferenzi presidenzjali, ġranet nazzjonali ta' informazzjoni organizzati mill-Istati Membri biex jitkabbar l-għarfien dwar żviluppi li qed iseħħu fil-qasam tad-diżabilità, kampanji ta' għarfien, studji, eċċ., waqt li tfittex l-involviment massimu tal-persuni b'diżabilità infushom u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom. Il-programm jiffinanzja bi sħab ukoll l-ispejjeż ri-korrenti ta' nurmu ta' Għaqdiet Mhux Governattivi fil-livell Ewropew li huma rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità, bħal ma hi l-European Disability Forum (EDF), eċċ.

- **Tippromovi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-livell tal-Ġnus Magħquda u permezz tal-ko-operazzjoni għall-iżvilupp tal-KE**

Il-Kummissjoni tissapportja l-isforzi globali biex jassiguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet umani għall-persuni b'diżabilità, l-aktar permezz ta' Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda li tippromovi u tipproteġi d-drittijiet umani tal-persuni b'diżabilità. Waqt li tagħraf li d-drittijiet umani internazzjonali għandhom jitfasslu skond iċ-ċirkustanzi li tiffaċċja l-persuni b'diżabilità, din l-inizjattiva taqbel mal-approwċ tal-Komunità fil-qasam tad-diżabilità li hi bbażata fuq id-drittijiet. Dawn saru a bażi ta' artiklu 13 tal-trattat tal-KE, li għen lill-Komunità tieħu inizjattivi biex tiġġieled id-diskrminazzjoni a bażi tad-diżabilità. Il-Kummissjoni ħadet pożizzjoni pożittiva fir-rigward ta' strument bħal dan u kkontribwiet attivament fl-iżvilupp tiegħu. F'Jannar 2003, hi ħarġet Komunikazzjoni "Lejn strument tal-Ġnus Magħquda li jorbot legalment biex jippromovi u jipproteġi d-drittijiet u d-dinjità tal-persuni b'diżabilità"[12] Din il-Komunikazzjoni tesprimi s-sapport tal-Kummissjoni Ewropea għal dan l-istrument u tispjega għala l-parteċipazzjoni attiva tal-Komunità Ewropea fl-izvilupp tagħha hi indispensabbli. B'mod partikulari, il-Kummissjoni talbet li tinnegozja hi wkoll minħabba li l-konvenzjoni tikkonċerna l-anti-diskriminazzjoni li hi fil-kompetenza tal-Kummissjoni minn meta sar it-Trattat ta' Amsterdam u Artiklu 13. Il-Parlament Ewropew issapportja din il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni u kkonsidra b'mod ċar li l-addottazzjoni ta' Konvenzjoni Internazzjonali tematika fuq id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jkompli jkabbru l-viżibilità tal-qasam tad-diżabilità fis-sistemi preżenti tad-drittijiet umani u takkomoda d-differenzi li ġġib magħha d-diżabilità.

Il-Kummissjoni Ewropea qed tinkoraġġixxi wkoll delegazzjonijiet tal-KE fil-pajjiż li qed jiżviluppaw biex jagħmlu sforzi akbar biex jassiguraw li d-diżabilità tkun parti mill-qafas ta' ko-operazzjoni għall-iżvilupp. Nota ta' gwida fuq din l-issue ntbagħtet lid-delegazzjonijiet kollha.

- **Inkoraġġiment għal moviment ħieles**

L-implikazzjonijiet importanti għall-mobilità ta' persuni b'diżabilità huma marbuta mal-abilità tagħhom li jieħdu vantaġġ mill-fatt li wieħed mil-libertajiet li fuqhom twaqqaf it-Trattat hu l-moviment ħieles tal-persuna. Din il-libertà ssir aktar relvanti f'Unjoni akbar ta' 25 Stat Membru u fil-kuntest ta' globalizzazzjoni akbar tal-ekonomija u s-soċjetajiet. Il-Kummissjoni diġà kkomettiet lilha nfisha li tirrevdi l-eżenzjoniet li hemm bħalissa rigward il-benefiċċji tad-diżabilità mill-provedimenti ta' esportazzjoni skond ir-Regolamenti EEC 1408/71 bil-possibilità li tnaqqas in-nurmu ta' dawn il-benefiċċji li fil-preżent mhumiex esportabbli.

- **Il-preparazzjoni għat-tkabbir**

Biex jissieħbu fl-Unjoni Ewropea, pajjizi kandidati jridu jinkorporaw fil-policies tagħhom l-"acquis" soċjali tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni li tirrigwardja l-persuni b'diżabilità ġiet assessjata fl-2001 u 2202 fil-kuntest tar-Rapporti Regulari. Is-sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità nfetħet għall-pajjizi Kandidati, u ħalliethom, sa fejn kien possibbli, jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' din is-Sena. Madanakollu, il-bżonn li jkun hemm għarfien akbar tas-sitwazzjoni u li jiġu identifikati l-bżonnijiet ġenerali tal-persuni b'diżabilità fil-pajjiżi li se Jidħlu u l-Kandidati jibqa' vitali. Dan se jkollu implikazzjonijiet kbar għall-iżvilupp ta' strateġiji moderni u effettivi fil-qasam tad-diżabilità, l-aktar fejn jidħlu l-provedimenti għal sistemi ta' sapport u servizzi ta' kura bbażati fil-komunità skond iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull pajjiż. Il-Kummissjoni diġà varat studju biex tanalizza s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità f'istituzzjoniet residenzali fl-Istati Membri u l-pajjiżi li se Jidħlu jew il-Kandidati. Dan l-istudju se jieħu konsiderazzjoni wkoll l-aspett tad-Drittijiet Umani. Aktar minn hekk, il-metodu miftuħ ta' ko-ordinament li fil-preżent japplika għall-istrateġija Ewropea għall-Impjiegi kif ukoll għall-Proċess Ewropew għall-Inklużjoni Soċjali se jissapportja l-proċess ta' tagħlim u l-iżvilupp ta' approwċis skond il-bżonn biex jintlaħqu l-għanijiet komuni ta' l-UE.

Il-Kummissjoni u l-European Disability Forum qed jaħdmu flimkien fi proġett biex ikabbru l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità fil-Pajjiżi li se Jidħlu jew il-Kandidati. Dan il-proġett hu ffinanzjat mill-programm Phare. Dan hu qasam importanti li se jiffaċilita bil-kbir il-proċess tat-tkabbir fir-rigward tad-diżabilità billi jtejjeb il-ftehim bejn il-partijiet kollha interessati f'kull livell. Dan il-proġett għandu

l-għan li jistabilixxi djalogu bejn il-partijiet kollha involuti biex jiġu identifikati l-bżonnijiet u l-possibilità ta' ko-operazzjoni filwaqt li, bħala t-tieni pass, jinkoraġġixxi t-twaqqif ta' sħubijiet bejn pajjiżi kandidati u sħabhom fl-UE u l-iżvilupp ta' proġetti. Dan id-djalogu għandu jibni fuq il-progress li sar biex il-persuni b'diżabilità jkollhom is-saħħa li jkunu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jkollhom impatt fuq ħajjithom. Fl-aħħar, il-Pajjiżi li se Jidħlu u l-Kandidati ġew mistiedna mill-2002 biex jipparteċipaw fi programmi ta' l-UE f'numru ta' oqsma relatati mal-promozzjoni tal-impjieg, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċ jali, il-glieda kontra d-diskriminazzjoni, it-titjib fl-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħrig u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

**2.4 Il-mewġa maħluqa mis-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità 2003**

Biex tkabbar l-impenn tagħha u tqajjem għarfien akbar tal-oqsma tad-diżabilità b'mod ġenerali, l-UE iddeċidiet li tadotta l-2003 bħala s-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità (SEPD). Il-kunċett żviluppat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għas-Sena Ewropea offra lill-persuni b'diżabilità fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, opportunità unika li jġibu 'l quddiem issues li jolqtuhom u li jkomplu jiffukaw fuq prijoritajiet dwar policy u jinkoraġġixxu azzjonijiet speċifiċi. Is-Sena twaqqfet bħala kampanja tal-poplu, mibnija fuq alleanza b'saħħitha ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità, bħal ma hi l-European Disability Forum u organizzazzjoniet tal-persuni b'diżabilità fil-livell nazzjonali; impenn mill-amministrazzjoni pubblika; l-imsieħba soċjali; sapport korporattiv u organizzazzjonijiet ta' dawk li jipprovdu s-servizzi. Is-SEPD ghalhekk għandha l-kapaċità li timmobilizza s-soċjetà ta' l-UE b'mod sħiħ. Ta' min isemmi b'mod partikulari l-impenn u s-sapport sinifikanti mogħti mill-Parlament Ewropew, li b'mod notevoli organizza l-Parlament Ewropew tal-Persuni b'Diżabilità; il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali; il-Kumitat tar-Reġjuni u anke organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kunsill ta' l-Ewropa; eċċ.

Is-SEPD kienet iddisinjata bħala proċess inklużiv għall-aħħar u strutturata b'mod uniku sabiex il-persuni b'diżabilità nfushom ikunu f'pożizzjoni li jagħtu l-kontribut tagħhom biex jiddefinixxu l-kunċett tas-Sena, u l-organizzazzjonijiet tagħhom kellhom rwol kritiku fit-tfassil u l-kampanja li ġiet wara fil-livell ta' l-UE u dak lokali, permezz tal-involviment ta' entitajiet ko-ordinattivi nazzjonali, billi ddisinjaw il-messaġġi prinċipali tas-SEPD, għażlu l-logo u s-slogan, eċċ. Eluf ta' avvenimenti saru mal-pajjiżi kollha parteċipanti biex jippromovu d-drittijiet tal-persuni b'diżabiltia' u biex jiżdied l-għarfien tal-ostakli li huma jiffaċċjaw kuljum fis-soċjetà. Azzjonijiet ittieħdu fl-istess ħin fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali bl-involviment ta' diversità kbira ta' persuni interessati: persuni b'diżabilità, il-familji tagħhom, l-

organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, persuni bla diżabilità, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-imsieħba soċjali, dawk li għandhom interess dirett f'dan il-qasam kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat.

Permezz tal-ħafna konferenzi u dibatitti pubbliċi li saru mal-Ewropa kollha u li spiss kienu rrappurtati fl-istampa u l-internet, is-Sena Ewropea offriet okkażjoni unika għall-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu f'dan il-qasam fil-livelli kollha biex jippromovu d-drittijiet u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà u l-ekonomija. Id-dibattiti li saru wrew li l-persuni b'diżabilità mal-UE kollha għandhom l-istess pre-okkupazzjonijiet u fuq kollox, li dawn l-issues huma l-pre-okkupazzjonijiet tas-soċjetà kollha kemm hi. Dan hu l-każ l-aktar fejn tidħol l-istigmatizzazzjoni u l-esklużjoni soċjali l-bżonn li l-persuni jkollhom aktar saħħa f'idejhom, mobilità u aċċessibilità; kwalità ta' ħajja aħjar u kura skond il-bżonn. Is-sitwazzjoni tat-tfal b'diżabilità, id-diskriminazzjoni multipla tan-nisa b'diżabilità[13] u s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni b'diżabilità ġew iffukati aktar.

Fil-qafas tal-azzjonijiet favur iż-żgħażagħ, il-Kummissjoni Ewropea ffinanzjat bi sħab konferenza organizzata mill-Presidenza Griega bit-titlu "Ewropa bla Ostakoli għall-persuni żgħażagħ" li ġabet flimkien 150 żagħżugħ u żagħżugħa biex jiddiskutu t-temi tal-White Paper fuq Iż-Żgħażagħ (parteċipazzjoni, informazzjoni, xogħol volontarju)[14].

Jidher ukoll l-mass media għandha sehem relevanti ħafna biex jintgħelbu l-isterjotipi tal-persuni b'diżabilità. Il-Presidenza Griega, bil-ko-operazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità, organizzat konferenza tas-Sena Ewropea fuq din l-issue kritika. Bħala riżultat, ġiet approvata "Id-Dikjarazzjoni Ewropea fuq il-Media u d-Diżabilità" f'Ġunju 2003. Ittieħdet ukoll deċiżjoni li jitwaqqaf network Ewropew fuq il-media u d-diżabilità biex ikompli jtejjeb l-immaġini tal-persuni b'diżabilità fil-media, fil-livelli ta' impjieg, u l-aċċess għall-media.

Il-mobilizzazzjoni eċċezzjonali ta' dawk kollha involuti f'dan il-qasam matul is-Sena wera x-xewqa wiesgħa li l-proċess biex jintlaħqu opportunitajiet indaqs jimxi b'rata aktar mgħaġġla u li s-SEPD daħlet enerġija ġdida politika li tippromovi l-integrazzjoni akbar tal-persuni b'diżabilità. Barra t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-KE li tistabilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg, fil-preżent tħabbru u qed isiru diversi żviluppi ġodda fil-policy mill-Isati Membri. Dawn ma jikkonċernawx biss it-titjib fil-liġijiet eżistenti u anke liġijiet kompletament ġodda, imma wkoll il-promozzjoni ta' approwċis ġodda, metodi innovattivi u miżuri pożittivi. Dawn huma xi ftit eżempji:

- Franza qed tirrevedi l-liġijiet tagħha tal-1975 fuq il-kumpens u l-kopertura soċjali u se tieħu wkoll miżuri dwar l-aċċess għal ċerti servizzi.
- Spanja fasslet pjan t'azzjoni speċifiku għall-persuni b'diżabilità (2003-2007); pjan nazzjonali ġdid dwar l-aċċessibilità (2004-2012); pjan għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità. Spanja se taddotta wkoll żewġ liġijiet ġodda: waħda dwar opportunitajiet indaqs u n-non-diskriminazzjoni u l-oħra fuq id-drittijiet ekonomiċi u tal-wirt ta' persuni b'diżabilità.
- Il-Ġermanja qed timplimenta liġi ġdida dwar it-Trattament Indaqs tal-Pesuni b'Diżabilità fl-istess ħin li qed tkompli taħdem fuq l-implimentazzjoni ta' qafas legali li sar qabel.
- Il-Greċja qed telabora l-pjan t'azzjoni fuq l-inklużjoni soċjali li jwassal sa l-2006. Barra minn hekk fid-dawl tal-Logħob Paraolimpiku (2004), il-Gvern qed jagħmel titjib partikulari u riformi istituzzjonali għall-persuni b'diżabilità.
- Il-Portugall għandu l-ħsieb li jippreżenta liġi ġdida ġenerali u fundamentali dwar id-diżabilità u l-mard kroniku; liġi dwar l-organizzazzjonijiet mhux govenattivi li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità u nies b'mard kroniku; u pjan t'azzjoni li jippromovi l-aċċessibilità (2004-2011).
- L-Olanda qed tiżviluppa pjan t'azzjoni fuq policies dwar id-diżabilità. Liġi ġdida fuq it-trattament indaqs se tidħol fis-seħħ fl-aħħar ta' l-2003.
  L-Italja qed taħdem fuq l-iżvilupp ta' benefiċċji għall-familji b'persuni b'diżabilità u jippruvaw jiffaċilitaw l-assessment tad-diżabilitajiet għal skopijiet amministrattivi. Il-Parlament Taljan qed jiddiskuti liġi governattiva fuq l-aċċessibilità elettronika għal websajts kif ukoll abbozz ta' liġi dwar il-guardianship.
- Il-Fillandja adottat pjan tal-Gvern ġdid u pproduċiet gwida li tgħin persuni b'diżabilità jagħrfu d-drittijiet umani tagħhom stess u sitwazzjoniet fejn isseħħ id-diskriminazzjoni.
- L-Isvezja, skond il-pjan t'azzjoni dwar policies dwar id-Diżabilità, implimentat linji gwida dwar l-aċċessibilità għall-awtoritajiet nazzjonali, programm nazzjonali biex jitjiebu l-liġijiet tal-impjegati fis-servizz ċivili u r-rappreżentanti eletti f'dan il-qasam.
- L-Irlanda se tippubblika liġi ġdida ġenerali dwar id-diżabilità li se tinkludi provedimenti għall-assessment indipendenti dwar il-bżonnijiet. Liġi dwar l-edukazzjoni ta' persuni b'diżabilità ġiet ippubblikata.
- Ir-Renju Unit daħħal fis-seħħ regolamenti li jimplimentaw id-Direttiva EC/2000/78 u l-aħħar partijiet tad-Disability Discrimination Act f'Ottubru 2004. Ir-Renju Unit qed jippjana li jintroduċi abbozz ta' Liġi din is-sena biex jestendi aktar il-liġi dwar id-diżabilità.
- Il-Lussemburgu għadda liġi ġdida f'Lulju 2003 dwar regolamenti dwar ix-

xoghol li japplikaw għall-perusni b'diżabilità u introduċa dħul finanzjarju għall-persuni b'diżabilita severa.

- L-Awstrija ħarġet rapport dettaljat dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità u qed tippreżenta liġi ġdida dwar Trattament Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità.
- Il-Belġju dan l-aħħar adotta liġi dwar l-anti-diskriminazzjoni li se tiġi infurzata miċ-Ċentru għal Opportunitajiet Indaqs bis-sapport ta' entitajiet federali li għandhom responsabilità territorjali għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità.
- Id-Danimarka pproduċiet pjan t'azzjoni mifrux fuq is-sentejn li ġejjin fuq id-diżabilità u vvutat baġit biex toħloq bejn 800 sa 1,200 post ta' akkomodazzjoni bil-għan li persuni b'diżabilità ma jibqgħux jgħixu f'istituzzjonijiet.

Bħala konklużjoni, is-Sena Ewropea pprovdiet opportunità biex l-Istati Membri jagħtu enerġija ġdida lill-iżvilupp ta' politika ġdida biex jintlaħqu opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità, tħeġġeġ bidla definittiva lejn miżuri aktar pro-attivi favur persuni b'diżabilità waqt li jinbnew il-pedamenti li fuqhom iridu jinbnew azzjonijiet favur il-persuni b'diżabilità f'termini ta' żmien fit-tul. Fil-livell ta' l-UE ukoll, is-Sena Ewropea aġixxiet bħala xprun biex jimxu aktar 'il quddiem nurmu ta' inizjattivi fuq il-livell ta' policy f'oqsma importanti relatati mat-tneħħija ta' ostakoli għall-integrazzjoni. B'mod partikulari, il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti indipendenti rigward oqsma priniċipali ta' aċċessibilità fl-ambjent mibni biex iħejju rapport li jkun fih numru ta' rakkomandazzjonijiet.

## 2.5 L-objettivi strateġiċi għall-futur

L-għan primarju tal-Kummissjoni għas-snin li ġejjin hu li tkabbar l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità. B'dan il-mod dinamiku li jtul tinħoloq biex ikun hawn inklużjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà waqt li l-fibra soċjali Ewropea tissawwar b'mod li tipprovdi ugwaljanza reali ta' opportunitajiet.

Il-biċċa l-kbira ta' l-azzjonijiet fil-qasam tad-diżabilità huma primarjament materji li jaqgħu fir-responsabilità ta' l-Istati Membri u huma indirizzati aħjar fil-livell nazzjonali. Għalhekk, l-għan strateġiku tal-Kummissjoni jintlaħaq permezz ta' tliet objettivi operattivi kumplimentari u li jissapportjaw lil xulxin, b'tali mod li jsir użu sħiħ tal-abilità tal-Kummissjoni li taġixxi b'mod li timmassimizza l-kontribuzzjoni ta' l-UE. Dawn it-tliet objettivi operattivi huma:

- **L-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva għal Trattament Indaqs fl-Impjieg u l-bidu ta' dibattitu dwar l-istrateġija futura biex tkun miġġielda d-diskriminazzjoni**

Il-Kummissjoni timmoniterja t-traspożizzjoni tal-provedimenti leġislattivi dwar id-diskriminazzjoni fl-Istati Membri u l-pajjiżi li se jidħlu f'termini taż-żmien maqbula mill-Kunsill. B'mod partikulari, il-Kummissjoni f'mod pro-attiv timmoniterja l-traspożizzjoni u tassigura l-applikazzjoni tajba tad-Direttiva 2000/78/EC tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament indaqs fl-impjieg biex jiġi assigurat li vittmi ta' diskriminazzjoni jkunu jistgħu jgawdu mill-protezzjoni sħiħa tagħha. Hemm bżonn jiġi enfasizzat li l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva hi l-element kruċjali tal-approwċ globali tal-Kummissjoni għall-qasam tad-diżabilità li hi sfida maġġura meta wieħed jikkunsidra l-kunċetti innovattivi tagħha. Din id-Direttiva għandha ssir l-element maġġur biex jintlaħqu l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità. Din id-direttiva wkoll se tiċċalingja l-kunċett żbaljat li d-diżabilità hi l-istess għall-inabilità jew nuqqas ta' abiltà, u maż-żmien, jekk tkun applikata tajjeb, għandha għalhekk tikkontribwixxi għat-tneħħija tal-preġudizzji, l-biżgħat u l-injuranza li hawn madwar id-diżabilità.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tibda konsultazzjoni pubblika (Green Paper) fir-Rebbiegħa 2004 fuq l-istrateġija futura tagħha biex tkun miġġielda d-diskriminazzjoni. Din il-Karta tieħu konsiderazzjoni tal-progress li sar fil-politika anti-diskriminatorja ta' l-UE u tqajjem issues rigward l-iżvilupp tal-politika futura tagħha. Tindirizza wkoll l-isfidi ġodda li ġab miegħu t-tkabbir ta' l-UE.

- **L-issues tad-diżabilità jiġu mainstreamed b'suċċess fil-policies relevanti u l-proċessi eżistenti tal-Komunità**

Żviluppi moderni fil-qasam tal-politika dwar id-diżabilità juru t-tendenza dejjem tikber għal mainstreaming biex id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, jiġu inkorporati aħjar u hekk ikun hawn aktar opportunitajiet indaqs. L-istrateġija ta' mainstreaming timplika l-integrazzjoni tal-perspettiva tad-diżabilità f'kull stadju tal-proċessi politiċi - mid-disinn għall-implimentazzjoni għall-moniteraġġ għall-evalwazzjoni - bl-iskop li tikber l-enfasi fuq l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità. Parallel mal-kunċett tal-mainstreaming tal-oqsma tad-diżabilità, l-inugwaljanzi persistenti jinħtieġu l-implimentazzjoni ta' azzjoni speċifika favur il-persuni b'diżabilità. Anke jekk sar progress konsiderevoli rigward is-sitwzzjoni ta' persuni b'diżabilità, għad baqa' ħafna x'isir u sforzi ġodda huma meħtieġa. Billi l-impjieg jibqa' l-mod primarju u l-aktar effettiv biex jinħoloq titjib permanenti għall-persuni b'diżabilità u biex ikun hawn l-inklużjoni totali soċjali tagħhom,

attenzjoni speċjali trid tingħata biex l-issues tad-diżabilità jiġu mainstreamed fil-politika relatata mal-impjieg, speċjalment, l-edukazzjoni u t-tagħlim matul il-ħajja kollha[15], b'mod li jintużaw il-mezzi kollha li l-Kummissjoni għandha l-possibilità li tuża.

- **It-titjib fl-"Aċċessibilità għal Kulħadd"**

Il-kunċett ta' mainstreaming għandu jiffoka b'mod partikulari fil-qasam tal-aċċessibilità u għandu jkun marbut b'mod ċar mal-prinċipju ta' Disinn għal Kulħadd. L-aċċessibilità għall-affarijiet, servizzi u l-ambjent mibni, hu qasam ċentrali għall-persuni b'diżabilità u hu ta' pre-okkuppazzjoni għaċ-ċittadini kollha ta' l-UE. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tippromovi t-tfassil ta' standards tekniċi Ewropej, dokumenti dwar l-istandards u linji gwida ġenerali li jagħtu espressjoni teknika lill-kunċett ta' "Aċċessibilità għal Kulħadd", li huma kruċjali għall-integrazzjoni akbar tal-persuni b'diżabilità fl-ekonomija u fis-soċjetà. Tinkoraġġixxi wkoll l-isforzi biex ikun hawn għarfien akbar ma' dawk kollha li jaħdmu fil-qasam ta' l-istanrdards fuq il-kunċett ta' "Aċċessibilità għal Kulħadd" u l-opportunitajiet għas-suq li joħorġu minnu.

Biex jintlaħqu l-objettivi operattivi msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni se tiżviluppa Pjan t'Azzjoni li jimxi minn sena għal sena u li jkun fuq aktar minn sena waħda. Ibbażat l-aktar fuq il-kunċett ta' mainstreaming fi ħdan l-oqsma varji tal-politika ta' l-UE, dan il-Pjan t'Azzjoni hu definit li jwassal sas-sena 2010. Approwċ progressiv jippermetti żmien biżżejjed biex jiġu żviluppati azzjonijiet li jiċċalingjaw is-soċjetà f'termini ta' żmien medju u li jkun hemm gwadan minn inizjattivi meħuda fi ħdan l-istrateġija ta' Lisbona.

L-istadji li jmiss ta' dan il-Pjan t'Azzjoni jiġu definti u ssapportjati permezz ta' rapport kull sentejn li jeżamina s-sitwazzjoni ġenerali tal-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni tikkommetti lilha nfisha li tipproduċi dan id-dokument, fuq bażi ta' kull sentejn biex tirrapporta speċifikament, u f'intervalli regulari, is-sitwazzjoni ġenerali tal-persuni b'diżabilità f'Ewropa akbar. Ir-rapport ifittex li jipprovdi għodda għal dawk kollha involuti fil-proċess tal-politika tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex tikber l-informazzjoni u l-għarfien dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità. B'mod partikulari, dan iwassal biex ikun hemm progress akbar, jiġu identifikati l-perspettivi għas-snin li ġejjin u l-istudju ta' toroq possibbli għall-iżvulupp ta' politika futura fid-dawl tal-impatt tal-policies tal-EU fuq is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità. Ir-Rapport għalhekk jintuża bħala l-bażi biex jiġu identifikati l-prijoritajiet l-ġodda li jridu jiġu indirizzati fl-istadji li jmiss tal-Pjan t'Azzjoni.

## 3 IL-PJAN T'AZZJONI EWROPEW DWAR ID-DIŻABILITA'

### 3.1 Ir-razzjonal

Il-Pjan t'Azzjoni dwar id-Diżabilità li jimxi fuq diversi snin jippermetti l-ippjanar u l-implimentazzjoni u follow up t'azzjonijiet li huma ta' prijorità u li jistgħu jikkontribwixxu sinifikament biex jintlaħqu l-opportunitajiet u l-isfidi mfissra aktar''il fuq rigward l-integrazzjoni ekonomika u soċjali, aċċess ugwali u l-parteċipazzjoni effettiva. Azzjoni prijoritarja għalhekk hi kumplimentarja ta' xulxin biex hekk ikun hemm sett ko-erenti ta' attivitajiet li jiġu żviluppati mill-UE u fil-livell nazzjonali jew deċentralizzat.

L-ewwel fażi ta' dan il-Pjan t'Azzjoni tibda fi tmiem is-SEPD u hi twila sentejn, bejn 2004 u l-2005. Tikkonċentra fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet neċessarji biex ikun hawn aktar impjieg tal-persuni b'diżabilità waqt li tingħata saħħa akbar f'dan il-qasam lill-persuni b'diżabilità nfushom. Bil-ħolqien ta' dawn il-kundizzjonijiet u billi jiġi msaħħaħ l-approwċ ibbażat fuq id-drittijiet, ir-riżultati li joħorġu mill-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi ta' dan il-pjan għandhom isaħħu aktar u jikkomplimentaw id-direttiva 2000/78/EC fuq it-trattament indaqs fl-impjieg. Għalhekk l-azzjoni prijoritarja għandha tindirizza l-istadji varji tal-hekk imsejħa "katina tal-impjieg" biex hekk id-dritt tax-xogħol ikun aċċessibbli l-istess għall-persuni b'diżabilità.

Il-Kummissjoni identifikat l-oqsma ta' prijorità għal intervent fl-ewwel fażi ta' dan il-Pjan t'Azzjoni, li huma mqassma fl-4 pilastri kumplimentari:

- L-aċċess u ż-żamma tal-impjieg.
- Tagħlim matul il-ħajja kollha b'sapport biex il-persuni b'diżabilità jkunu aktar tajbin biex jiġu impjegati, jaddattaw ruħhom aktar, jiżviluppaw aktar personalment u jkunu ċittadini attivi.
- L-użu tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda, li għandhom sehem kruċjali biex jiġu assigurati opportunitajiet indaqs u mobilità fl-ekonomija, biex il-persuni b'diżabilità jkollhom saħħa akbar fuqhom infushom.
- Aċċessibilità għall-ambjent mibni pubbliku, li hi pre-kundizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-post tax-xogħol u mobilità fl-ekonomija u fis-soċjetà.

It-taqsimiet li jmiss fihom sett ta' azzjonijiet maħsuba li jindirizzaw l-isfidi u l-bżonnijiet ġodda biex tiżdied ir-rata tal-impjieg u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-ekonomija u fis-soċjetà. Il-lista ta' azzjonijiet hi stampa mhix kompluta tal-potenzjal tal-Pjan t' Azzjoni. Għandha tassigura trasparenza sħiħa fir-rigward tal-prijoritajiet u l-attivitajiet għas-snin 2004-2005.

## 3.2 L-ewwel fażi tal-Pjan t'Azzjoni Ewropew dwar id-diżabilità -2004-2005

### 3.2.1 L-Aċċess għall-impjieg u ż-żamma tal-impjieg

L-impatt tad-Direttiva 2000/78/EC tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabilixxi l-qafas ġenerali għal trattament indaqs fl-impjieg se jkun kbir. Din tirrikjedi tibdil kbir f'regoli eżistenti ta' xi Membri Stati. Għandha implikazzjonijiet kbar fuq min iħaddem - kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat - u l-prattiċi tagħhom tal-impjieg fir-rigward ta' persuni b'diżabilità, l-aktar fid-dawl tal-provediment ta' "l-akkomodazzjoni raġonevoli". Għalhekk hu importanti li dawk l-aktar involuti - dawk li jiddeċiedu l-policies, l-uffiċjali governattivi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, impjegati, u min iħaddem - jingħataw l-għarfien tad-drittijiet u responsabilitajiet ġodda tagħhom. Hi importanti ħafna li l-opinjoni pubblika u politika tiġi ssensibilizzata biex jiġi assigurat is-suċċess tad-Direttiva u f'Ġunju 2003, il-Kummissjoni nediet kampanja qawwija ta' informazzjoni fl-Istati Membri kollha biex tinforma lilll-impjegati u lil min iħaddem bid-drittijiet ġodda tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

Taħt l-awspiċi tas-SEPD, f'Ġunju 2003 il-Ministri tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjieg addottaw rizoluzzjoni biex tippromovi l-impjieg u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità[16]. Ir-riżoluzzjoni ssejjaħ lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali[17] biex ikomplu bl-isforzi ħalli jneħħu l-ostakoli għall-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, billi jinfurzaw miżuri ta' trattament ugwali u jtejbu l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni f'kull livell tas-sistema edukattiva u tat-taħriġ.

L-implimentazzjoni b'suċċess tal-aġenda ta' Lisbona ssejjaħ għall-implimentazzjoni ta' policies ta' l-Istati Membri li jkabbru, b'mod ibbilanċjat, it-tliet objettivi kumplimentari u li jissapportjaw lil xulxin għall-impjieg ta' kulħadd, kwalità u produttivita waqt ix-xogħol u ko-eżjoni soċjali u inklużjoni. Dawn l-objettivi kollha huma relevanti biċ-ċar għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol. Fil-fatt, wieħed mill-objettivi li jħaddan l-istrateġija kollha hu l-kunċett tas-suq tax-xogħol inklużiv li jitlob l-integrazzjoni effettiva tal-persuni b'diżabilità u l-persuni kollha li għandhom xi żvantaġġ.

Ukoll, il-linji gwida ta' l-Istati Membri dwar policies ta' l-impjieg[18] fl-Istrateġija Ewropea ta' l-Impjiegi riveduta(SEI) tipprovdi, fil-prijorità għal azzjoni 7, il-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ta', u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra l-persuni fi żvantaġġ fis-suq tax-xogħol, skond kif definita fil-livell nazzjonali. Hi ċara r-rabta bejn l-issues tal-pre-okkupazzjoni ta' persuni b'diżabilità u l-għan li jintaħqu l-objettivi tas-SEI l-"ġdid" u għalhekk se tkun prijorità għolja ta' dan il-Pjan t' Azzjoni

li l-qasam tad-diżabilità jkun mainstreamed fil-politika ta' l-impjieg fl-oqsma kollha tagħhom. Għalhekk, persuni b'diżabilità se jkunu ssapportjati taħt prijoritajiet oħra, b'mod partikolari fl-attivazzjoni/prevenzjoni u l-labour supply. Stati Membri qed ikunu msejħa biex jesploraw il-potenzjal tal-forza tax-xogħol ta' persuni b'diżabilità, billi jieħdu konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni ta' nisa b'diżabilità u persuni b'diżabilitajiet intellettwali.

Barra minn hekk, il-programmi prinċipali tal-Fond Soċjali Ewropej u l-inizjattiva tal-Komunità EQUAL, bħala l-għodod finanzjarji prinċipali li bihom il-Komunità tittraduċi f'azzjoni l-għanijiet tagħha rigward l-impjieg ta' persuni b'diżabilità, tiffinanzja firxa wiesgħa t'azzjonijiet għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol. Fi ħdan il-qafas ta' l-attivitajiet tematiċi ta' EQUAL, twaqqfu ħames Gruppi Tematiċi Ewropej li jikkorrispondu mal-prijoiritajiet orizzontali: Tkun Aktar Tajjeb għax-Xogħol, Tkun aktar Adattabbli, Opportunitajiet Indaqs u Dawk li qed Ifittxu Pajjiż. Fokus partikulari ngħata mill-Grupp Tematiku Tkun Aktar Tajjeb għax-Xogħol li ħoloq Grupp ta' Ħidma fuq d-Diżabilità.

Madankollu bżonnijiet speċjali jeżistu, u dejjem se jibqgħu jeżistu, għal uħud mill-persuni b'diżabilità u l-Kummissjoni tagħraf li dawn il-bżonnijiet iridu jintlaħqu, inkluż meta jkun meħtieġ, permezz ta' policies tax-xogħol li jkunu speċifikament dwar id-diżabilità. Sforzi bħal dawn saru mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-politika tal-Komunità dwar il-kompetizzjoni. Regolament dwar l-Għajnuna ta' l-Istat fl-Impjieg ġie addottat f'Novembru 2002[19], li fih l-Isati Membri minn issa 'l quddiem jistgħu jagħtu għajnuna għall-kre-azzjoni ta' xogħol ġdid u għar-reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabilità mingħajr ma jitolbu awtorizzazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni. Minn issa 'l quddiem Stati Membri jistgħu jassumu sa 60 fil-mija ta' sena paga u tal-pagamenti tas-Sigurtà Soċjali jekk kumpanija tirrekluta ħaddiem b'diżabilità, u għajnuna tista' tingħata wkoll biex tikkumpensa produttivita mnaqqsa kif ukoll biex jiġi addattat il-post tax-xogħol u tingħata l-assistenza speċjali.

Persuni b'diżabilità għandhom jirċievu trattament indaqs fuq ix-xogħol u dan jinkludi ugwaljanza rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. Persuni b'diżabilità għalhekk huma koperti mil-leġislazzjoni Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq ix-xogħol. Din il-leġislazzjoni trid tiġi applikata biex jiġi ffaċilitat l-impjieg ta' persuni b'diżabilità. Fil-livell ta' l-UE, Direttiva 89/654/EEC[20] tipprovdi, f'punti 20 u 15 ta' l-annessi I u II rispettivament, li "l-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu modifikati biex jieħdu konsiderazzjoni, meta jkun meħtieġ, il-bżonnijiet ta' ħaddiema b'diżabilità. Dan il-provediment japplika b'mod partikulari għal bibien, kuriduri, turġien, xawers, sinkijiet, tojlits u workstations użati jew okkupati direttament minn ħaddiema

b'dizabilità. Ukoll fil-każ ta' "postijiet tax-xogħol li kienu suġġetti, wara l-31 ta' Diċembru1992 għal modifikazzjonijiet, estensjonijiet u/jew rinovazzjonijiet, min iħaddem irid jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li dawk il-modifiki, estensjonijiet jew rinovazzjonijiet jikkonformaw mal-livelli minimi li jikkorrispondu ma' dawk deskritti f'Annessi" (Artiklu 5 tad-Direttiva 89/654/CEE).

Id-Direttiva qafas 89/391/ECC[21], tipprovdi f'Artiklu 8 għall-obbligazzjoniet ta' min iħaddem li jrid jieħu, waqt li jagħmel assessment tar-riskji, miżuri appropoziti għall-Ewwel Għajnuna, prevenzjoni kontra l-ħruq, u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema. Fl-istess ħin, Direttiva 89/654/EEC għandha f'Annessi I u II, provedimenti minimi fir-rigward ta' kuriduri u ħruġ ta' emerġenza kif ukoll miżuri biex tipprevjeni u tinduna li ħemm ħruq.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Kummissjoni se:

**Il-Policy dwar l-Anti-Diskriminazzjoni**

- Tissapportja ħidma għal għarfien akbar tad-Direttiva 2000/78/EC ta' 27 ta' Novembru 2000 li tistabilixxi qafas ġenerali għal trattament indaqs fl-impjieg.

**L-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi (SEI) riveduta:**

- Timmoniterja mill-qrib l-implimentazzjoni tas-SEI riveduta mill-Istati Membri u tinkoraġġihom b'mod partikulari biex ikabbru miżuri attivi għal aċċess aħjar fis-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità; titjib fl-għoti ta' assistenza personali u gwida fejn meħtieġ; tintensifika l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol; l-eliminazzjoni tan-nassa tal-benefiċċji; tippromovi l-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u titjib fil-kwalità tat-tagħlim, taħrig vokazzjonali u aċċess għall-impjieg.
- F'dan il-kuntest, fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi aktar żvilupp fis-sistema nazzjonali ta' l-istatistika fejn meħtieġ, biex tippermetti moniteraġġ aħjar tal-oqsma tad-diżabilità fis-SEI fil-waqt li tingħata attenzjoni għad-data speċifika dwar il-gender.
- Tippubblika dokument ta' ħidma fuq l-implimentazzjoni tas-SEI rigward il-persuni b'diżabilità. Għandha tingħata attenzjoni għal kull linja gwida tax-xogħol fir-rigward ta' persuni b'diżabilità u prattiki ġodda f'dan il-qasam għandhom ikunu indikati. Dan id-dokument għandu jkollu l-għan ukoll li jikkontribwixxi fuq il-kunċett tal-mainstreaming fir-rigward tad-diżabilità fi ħdan l-Istati Membri fil-qafas ta' l-Istrateġija tal-Impjiegi.

**Il-Fond Soċjali Ewropew**

- Tinkoraġġixxi l-Istati Membri li jieħdu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità fl-attivitajiet iffinanzjati mill-programmi prinċipali tal-Fond Soċjali Ewropew u ta' l-iniżjattiva tal-Komunità EQUAL.
- Tinkoraġġixxi t-tixrid ta' prattiki tajba u miżuri innovattivi fil-policies tal-impjieg/taħriġ għall-persuni b'diżabilità b'mod partikulari taħt is-SEI, l-inizjattiva tal-Komunità EQUAL, il-qafas ta' Peer Review fuq il-politika ta' l-impjieg, eċċ.

**Id-Djalogu Soċjali**

- Tipprofondixxi d-djalogu soċjali mal-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew fuq il-kontribuzzjoni tagħhom għal opportunitajiet indaqs għall-pesuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol; b'mod partikulari, tinkoraġġixxi l-imsieħba soċjali jassiguraw l-applikazzjoni konkreta tar-rakkomandazzjoni magħmula fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-20 ta' Jannar 2003, "Promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u aċċess għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità", u jissapportjaw inizjattivi fi ħdan id-djalogu soċjali settorjali, bħal ma hu l-ftehim volontarju fuq l-impjieg ta' persuni b'dizabilità kif maħsuba fis-settur kummerċjali.

**Ir-Responsabilità Korporattiva Soċjali**

- Tkompli tippromovi l-għarfien u t-tixrid tal-approwċis u l-esperjenzi tar-Responsabilità Korporattiva Soċjali bl-għan li jiġu impjegati persuni b'diżabilità kif propost mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-Responsabilità Korporattiva Soċjali[22].

**Il-Mainstreaming fis-Saħħa u s-Siġurtà**

- Tassigura li tingħata konsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità fl-iniżjattivi ta' l-UE rigward is-saħħa u s-sigurtà.

### 3.2.2 It-Tagħlim tul il-ħajja kollha

Element kruċjali biex jitjieb l-aċċess għall-impjieg, il-ġlieda kontra l-esklużjoni u t-titjib fil-ko-eżjoni soċjali, hu li tarma lill-persuni b'diżabilità bl-għerf u l-kompetenzi li jeżistu. Dan jibda minn edukazzjoni bażika għal forom oħra ta' opportunitajiet għat-tagħlim matul il-ħajja kollha. Ir-rapport Konġunt dwar l-Inklużjoni 2001 wera li hemm evidenza li qed tiżdied li dawk il-persuni b'diżabilità li huma integrati fis-sistema edukattiva mainsteamed matul żgħożithom huma l-aktar li jiżviluppaw kompetenzi ġenerali u vokazzjonali importanti li huma meħtiega biex aktar tard ikollok suċċess fis-suq tax-xogħol. B'mod partikulari l-aċċess għall-opportunitajiet mainsteamed

għat-tagħlim matul il-ħajja kollha fl-UE hu inadekwat sew, b'mod partikulari għall-gruppi żvantaġġati, inklużi persuni b'diżabilità.

Mod wieħed kif jistgħu jintgħelbu l-ostakoli għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni ta' matul il-ħajja kollha għall-persuni b'diżabilità hi l-użu ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni (ICT) moderni għal eLearning - Tagħlim fl-Internet[23]. Il-proposta tal-Kummissjoni għal programm tal-eLearning[24] għalhekk tagħmel riferenza speċifika għall-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità. Ukoll, il-Pjan t'Azzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika[25] jipproponi li tinġabar u tixxandar informazzjoni dwar prattiki tajba fit-tagħlim ta' lingwi barranin lil studenti bi bżonnijet speċjali. Il-Pjan t'Azzjoni ta' l-UE dwar il-ħiliet u l-mobilità[26] juri li l-Istati Membri għandhom jintensifkaw is-sapport għall-integrazzjoni ta' nies żgħażagħ li huma fi żvantaġġ, partikularment dawk b'diżabilità u dawk b'diffikultajiet fit-tagħlim fis-sistema edukattiva u fit-taħriġ. Taħt l-awspiċi tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità il-Kunsill ta' l-Edukazzjoni adotta rizoluzzjoni dwar opportunitajiet indaqs għall-studenti b'diżabilità rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ[27].
Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha:

**Il-Policies u Programmi ta' l-UE dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u ż-Żgħażagħ**

- Fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma fuq l-objettivi ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħrig[28], titkompla tingħata prijorità għolja biex tippromovi l-qsim ta' esperjenzi ta' prattiki tajba u l-identifikazzjoni ta' fatturi li jikkontribwixxu għas-suċċess (jew falliment) fir-rigward ta' l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
- Tingħata attenzjoni speċifika lid-disinn u l-implimentazzjoni ta' programm ta' azzjoni futura ta' eLearning (2004-2006) rigward il-bżonnijiet speċjali li persuni b'diżabilità - bħal gruppi oħra vulnerabbli - jista' jkollhom biex jiżviluppaw eLearning għaċ-ċittadini kollha biex ikun hemm parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà ibbażata fuq l-għerf.
- Is-sistema informattiva PLOTEUS dwar opportunitajiet ta' tagħlim matul il-ħajja kollha fl-Ewropa testendi l-informazzjoni lill-persuni b'diżabilità, inklużi opportunitajiet ta' fondi speċjali fl-Istati Membri.
- Tissapportja l-provedimenti għall-għażla libera għal taħriġ u tagħlim aħjar minn gwida aktar speċjalizzata matul il-ħajja u servizzi ta' counselling u gwida dwar il-karrieri biex jinfetħu opportunitajiet ta' swieq tax-xogħol mhux tradizzjonali u opportunitajiet ta' tagħlim mhux relatat max-xogħol lill-persuni b'dizabilità.
- Tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti li jinvolvu persuni b'diżabilità fil-

programmi li għaddejin bħalissa Socrates, Leonardo u Youths, issir evalwazzjoni tal-impatt fuq it-tieni ġenerazzjoni ta' programmi dwar opportunitajiet għat-tagħlim matul il-ħajja kollha għall-persuni b'diżabilità fl-Istati Membri, l-ippubblikar ta' dawn ir-riżultati, waqt li tittieħed konsiderazzjoni tal-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità fid-disinn ta' ġenerazzjoni futura ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ.
- Timmoniterja l-aċċessibilità elettronika ta' websajts u prodotti tal-media għat-tagħlim matul il-ħajja kollha fil-livell Ewropew u fi programmi Ewropej.

**Ir-Riċerka**
- Tixxerred u jsir użu sħiħ tar-riċerka li saret permezz tal-programmi Socrates u Leonardo fi ħdan is-sitt Framework Research Programm (6FP) fir-rigward ta' prijorità 7 "Iċ-Ċittadini u l-Governanza f'soċjetà bbażata fuq l-għerf" li tipprovdi kontribuzzjonijiet ta' valur kbir fid-dibattitu dwar l-inklużjoni soċjali u ċittadini attivi f'soċjetà ta' għerf li tinkludi persuni b'diżabilità.

### 3.2.3 L-użu tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda

Kien hemm xi riżultati interessanti relatati ma' attivitajiet li saru mill-pjan t'azzjoni e-Europe 2002[29] u li tajjeb li jiġu segwiti. L-inizjattiva dwar l-Aċċessibilità tal-Web - il-linji gwida dwar il-kontenut aċċessibbli tal-Web (W3C/WAI/WCAG-V1.0)[30] għall-websajts pubbliċi ġew adottati mill-Istati Membri kif proposti mill-Kummissjoni[31]. Il-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar l-aċċessibilita elettronika f'Diċembru 2002[32].

Intlaħaq ko-ordinament aktar effettiv tal-policies fil-livell Ewropew biex tiġi evitata l-esklużjoni fl-informatika permezz ta' miri stabiliti u bdil ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri flimkien ma' leġislazzjoni relevanti u standards li saru biex jassiguraw konformità għall-prinċipji li ġew riveduti. Qafas ta' Ċentri Nazzjonali ta' Eċċellenza fid-Disinn għal Kulħadd ġie kkreat u standards ta' Disinn għal Kulħadd, linji gwida u materjal biex jissapportja l-aċċessibilità għall-prodotti tat-teknoloġija tal-informatika issa jistgħu jinkisbu b'mod partikolari biex jgħinu l-persuni b'diżabilità jsiru aktar tajbin biex jimpjegaw irwieħhom u anke għall-inklużjoni soċjali tagħhom. Madankollu hu ċar li aktar titjib għall-aċċessibilità ta' Websajts u servizzi u l-applikazzjonijiet pubbliċi relatati magħhom hu essenzjali għall-inklużjoni fis-soċjetà. Il-monitoraġġ tal-progress tal-aċċessibilità bbazat fuq metodoloġija komuni bil-għan li jkun hawn data komparabbli se jkun issue kruċjali fl-attivitajiet futuri.

L-isforzi ta' "eEwropa 2005 - Soċjetà Informattiva għal Kulħadd [33] se tkun diretta biex tassigura parteċipazzjoni u aċċess indaqs għall-persuni b'diżabilità u gruppi

oħra li qegħdin fiżvantaġġ mal-iżviluppi prinċipali fl-oqsma tas-servizzi pubbliċi moderni online, il-gvern elettroniku, it-tagħlim elettroniku, is-saħħa elettronika u l-ħolqien ta' ambjent għan-negozju elettroniku aċċessibbli u dinamiku. Biex tiffaċilita dawn l-għanijiet l-inizjattiva eEwropa 2005 għandha tindirizza l-punt li l-aċċess għal broadband għandu jkun milħuq minn kulħadd bi prezzijiet kompetittivi u infrastruttura informattiva sigura.

Żviluppi fit-teknoloġija - partikularment fit-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni - joffru opportunitajiet ċentrali biex tgħin persuni b'diżabilità jegħlbu l-limitazzjonijiet funzjonali u hekk jitjiebu l-prospetti għall-parteċipazzjoni fis-Soċjetà. Madanakollu, persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw ukoll ostakoli oħra. L-azzjonijiet proposti għandhom l-għan li jġibu opportunitajiet indaqs billi jagħtu setgħa lill-persuni b'diżabilità, per eżempju biex ikunu jistgħu jħaddmu s-soċjetà tal-informazzjoni u t-teknoloġiji ġodda li huma ta' benefiċċju għal kulħadd.

**Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Kummissjoni se:**
**It-Teknoliġiji ta' Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)**

- tistabilixxi djalogu internazzjonali dwar l-aċċessibilità u linji gwida b'mod partikulari fil-qasam ta' l-ICT, u torganizza workshops mal-UE u l-industrija biex jiġu esplorati policies għall-aċċessibilità u miżuri leġislattivi bbażati fuq leġislazzjoni eżistenti fil-qasam tal-prodotti u tas-servizzi tal-ICT (għarfien, liċenzjar, xiri, linji gwida, standards, rekwiżiti, eċċ).

**Il-Pjan t'Azzjoni eEwropa 2005**

- tindirizza l-aċċessibilità bħala materja orizzontali f'eEwropa 2005. Jiġu żviluppati attivitjiet ta' għarfienu li jissapportjaw l-iżvilupp: programm li jiffaċilita l-inklużjoni tar-rekwiżiti għall-aċċessibilità għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni fis-sejħiet pubbliċi għax-xiri, aċċessbilità f'servizzi elettroniċi pubbliċi, l-aċċessbilità bħala ħila elettronika.

**Disinn għal Kulħadd, Teknoloġiji Assistivi u standards**
**fuq l-aċċessibilità elettronika.**

- tagħmel rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp u l-użu ta' Kurrikulu Ewropew dwar "Id-Disinn għal Kulħadd: għall-professjonisti tas-soċjetà informattiva," b'mod partikulari, id-disinjaturi u l-inġiniera. Il-Kummissjoni b'mod speċifiku tissapportja l-qafas taċ-Ċentri ta' Eċċellenza (EdeAN) dwar eċċellenza fid-Disinn għal Kulħadd.
- Ukoll, isiru aktar sforzi bil-għan li jingħata għarfien akbar lill-proċess ta' standardizzazzjoni għall-aċċessibilità, inkluż il-kunċett Disinn għal Kulħadd flimkien ma' Teknoloġiji Assistivi.

- Jingħataw premjijiet għall-Innovazzjonijiet fid-Disinn għal Kulħadd u Teknoloġiji Assistivi.
- Toħloq djalogu ma' dawk li jipproduċu Teknolġiji Assisitivi u tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet għall-Industrija tat- Teknoloġija li jippermettu djalogar aktar strutturat u koerenti fuq il-livell Ewropew.

**Ir-Rappurtaġġ**

- Toħroġ rapport dwar l-aċċessibilità tal-Web bħala l-pass li jmiss u l-implimentazzjoni tal-linji gwida WAI għall-websajts pubbliċi u tkompli l-ħidma biex ikun hawn metodoloġija Ewropea komuni dwar l-evalwazzjoni tal-aċċessibilità tal-websajts biex ikun hemm data komparabbli bbażata fuq il-linji gwida W3C/WAI.

**Ir-Riċerka**

- Tagħti 30 miljun Ewro biex ikun hemm sejħa għall-proġetti fi ħdan il-Programm ta' Riċerka 6th Framework[34] relatat mal-aċċessiblità fil-qasam ta' teknoloġiji mingħajr ostakoli u tagħti saħħa akbar lil teknoloġiji biex tiżdied l-awtonomija ta' persuni anzjani  u persuni b'diżabilità biex tassigrua aċċess indaqs u parteċipazzjoni sħiħa fis-Soċjetà Informattiva[35].
- Tissapportja l-ħidma u r-riżultati tal-grupp Komunikazzjoni Inkluziva INCOM dwar l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità għas-servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni li jwasslu għar-rapport b'miri f'termini ta' żminijiet qosra u twal.

**3.2.4 L-Aċċessibilità għall-ambjent pubbliku mibni**

Hemm vantaġġi speċifiċi li jinkisbu meta d-disinn u l-kostruzzjoni ta' bini jsiru skond d-disinn universali (Disinn għal Kulħadd)[36]. B'mod partikolari, aċċess effettiv u aħjar għal post tax-xogħol jagħti saħħa akbar lill-ħaddiema b'diżabilità biex isostnu l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u jgħinhom biex jagħtu kontribut ta' valur ogħla fl-ekonomija u fis-soċjetà.

Aktar minn hekk, hu ħafna aktar effettiv f'termini ta' spejjeż u jagħti vantaġġi ekonomiċi meta l-aċċessibilità tkun inkluża fl-istadju inizjali tal-ippjanar.  Bini li hu kompletament aċċessibbli hu flessibbli, sostenibbli, jiġifieri jista' jadatta għall-bżonnijiet li jinbidlu tul il-ħajja ta' min jokkupah - u għalhekk jista' jġib valur ogħla fis-suq milli bini li mhux aċċessibbli. Ukoll, l-aċċessibilità tgħin biex jonqsu l-ispejjeż marbuta man-numru, li għadu għoli, ta' korrimenti u fatalitajiet marbuta ma' waqgħat minħabba ambjenti ftit aċċessibbli, l-aktar fuq il-postijiet tax-xogħol.

Faċilitajiet aċċessibbli tad-divertiment u kulturali wkoll għandhom relevanza kbira biex itejbu l-kwalità ta' ħajja u parteċipazzjoni akbar fid-dinja soċjali u kulturali kif rikonoxxuta mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni tas-6 ta' Mejju 2003[37] dwar l-aċċessibilità għall-infrastruttura kulturali u attivitajiet kulturali għall-persuni b'diżabilità; u tal-21 ta' Mejju 2002[38] fuq il-futur tal-turiżmu Ewropew, fejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u oħrajn interessati fis-settur, ħeġġew li għandhom jissaħħu l-isforzi biex jiffaċilitaw l-aċċessibilità f'siti turistiċi għall-pesuni b'diżabilità.

Fl-aħħar nett, il-White Paper fuq Politika Ewropea dwar it-Trasport: "Żmien tad-Deċiżjoni[39]" tal-Kummissjoni tagħraf li t-trasport pubbliku aċċessibbli hu parti integrali mill-aċċessiblità fis-sens wiesa'. Il-Kummissjoni għalhekk se tippromovi l-użu akbar ta' trasport pubbliku aċċessibbli li hu kontribut importanti biex wieħed jaħdem.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Grupp indipendenti ta' esperti dwar l-aċċessibilità fl-ambjent mibni, imwaqqaf mill-Kummissjoni taħt l-awspiċi tas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità, il-Kummissjoni se:

**L-Aċċessibilità għall-Ambjent Mibni**

- tippromovi l-prinċipju tad-Disinn għal Kulħadd fil-policies relevanti kollha tal-Komunità dwar l-aċċessibilità għall-ambjent mibni.
- tikkonsidra l-iżvilupp ta' standards Ewropej adekwati għall-oqsma kollha relatati mal-ambjent mibni, inklużi l-ippjanar tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-użu tal-bini, il-proċeduri għall-evakwazzjoni minħabba sigurtà għall-persuni b'diżabilità.
- tippromovi edukazzjoni aħjar dwar issues tal-aċċessibilità fl-iskejjel, u l-iżvilupp ta' korsijiet dwar l-aċċessibilità għall-professjonisti li jaħdmu fil-bini, per eżempju l-periti.
- tippromovi l-bdil ta' informazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba dwar issues ta' aċċessibilità.

**Il-Leġislazzjoni**

Tirrevedi r-rekwiżiti essenzjali li hemm fid-Direttiva 89/106/EEC dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni biex tinkludi provedimenti dwar l-aċċessibilità għal kulħadd u b'mod partikulari, tikkonsidra l-proposta li tiżviluppa s-7 rekwiżiti essenzjali dwar l-aċċessibilità biex tagħmel id-direttiva aktar effettiva u aktar preċiża dwar il-bżonnijiet ta' min juża l-bini u għandu żvantaġġi differenti.

**Il-Mainstreaming**
tippromovi l-inklużjoni ta' provedimenti dwar l-aċċessiblità bil-policies dwar xiri pubbliku, u fl-allokazzjoni ta' Fondi Strutturali fil-livell nazzjonali u reġjonali.

**L-Istudji**
Tieħu azzjonijiet li jiġu wara l-istudju dwar Kriterji Armonizzati għal Aċċessibilità Tajba għal Siti Turistiċi u l-infrastrutturi għall-persuni b'diżabilità u tikkonsidra l-aħjar miżuri li għandhom jittieħdu biex faċilitajiet turistiċi jsiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea.

tikkonsidra r-riżultati ta' l-istudju dwar it-Trasport Urban għall-persuni b'mobilità mnaqqsa bil-għan li jiġu identifikati l-ostakoli għall-aċċessibilità li jeżistu fis-sistemi tat-trasport urban.

**Ir-Riċerka**
Taħt il-qafas tas-6 Programm ta' Riċerka tal-Komunità, il-Kummissjoni se:

- tibda studju biex tipproduċi għodda li tgħin fit-teħid ta' deċiżjonijiet dettaljati biex tintuża fl-evalwazzjoni tad-disinn tal-bini, dwar id-disinn universali, jew il-prinċipju tad-disinn għal kulħadd, li jieħu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità fl-ambjent mibni, l-aktar fir-rigward ta' postijiet tax-xogħol.
- toħroġ sejħa għall-proposti ta' riċerka: biex tiffinanzja qafas ta' riċerka li tanalizza l-issues tal-aċċessibilità fis-sens wiesa' (inkluż l-ostakoli finanzjarji biex persuni b'diżabilità jipparteċipaw) u jinbeda proġett li jiżviluppa indikaturi li jkejlu l-aċċessibilità fl-ambjent mibni.

## 4. IL-MONITORAĠĠ U L-ISTRUTTURI GĦAT-TKOMPLIJA

### 4.1 It-titjib fil-kapaċità eżekuttiva

#### 4.1.1 It-tisħiħ ta' l-istrutturi tal-Kummissjoni

Il-Grupp tad-Diżabilità tal-Kummissoni dwar is-Servizzi Interrelatati se jingħata l-inkarigu li jimbotta 'l quddiem il-proċess tal-Pjan t'Azzjoni u jimmoniterja l-attivitajiet mainstreamed tad-dipartimenti varji tal-Kummisjsoni. Se jikkontribwixxu wkoll biex jiġu elaborati għodod biex issues dwar id-diżabilità jiġu mainstreamed, b'mod partikulari l-implimentazzjoni operazzjonali u l-evalwazzjoni, inkluż it-taħriġ ta' uffiċjali tal-Kummissjoni responsabbli mill-policy, eċċ. Il-Grupp dwar is-Servizzi Interrelatati jirrapporta l-progress lill-Grupp tal-Kummissarji dwar l-Opportunitajiet Indaqs.

#### 4.1.2 It-Tisħiħ tal-ko-operazzjoni ma' l-Istati Membri

Il-Grupp Għoli dwar id-Diżabilità ta' l-UE, li hu grupp ta' esperti mmexxi mill-Kummissjoni u li jiġbor fih esperti dwar id-diżabilità tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, se jingħata l-mandat skond l-impetus tal-Komunikazzjoni preżenti. Il-Grupp jingħata l-inkarigu li jissapportja l-iżvilupp ta' sinerġiji fost il-policies dwar id-diżabilità fil-livell ta' l-UE, u jiddiskuti r-Rapport regolari dwar id-diżabilità. B'dan l-objettiv f'moħħu, dan il-Grupp ta' esperti għolja għandu jaqsam bejniethom l-informzzjoni u jkun hemm bdil u possibilment trasferiment ta' ideat u prattiki tajba, l-aktar fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam mal-mainstreaming ta' issues tad-diżabilità, u tiżdied l-esperjenza dwar l-issues tad-diżabilità fl-Istati Membri l-ġodda.

#### 4.1.3 Ko-operazzjoni massima ma' organizzazzjoniet u aġenziji internazzjonali.

Entitajiet prinċipali f'dan ir-rigward huma l-Ġnus Magħquda, inkluża l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-iStandards (CEN, CENELEC, ETSI), l-Aġenzija Ewropea dwar l-Edukazzjoni Speċjali, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol. Il-ko-operazzjoni ma' dawn l-organizzazzjonijiet se tissaħħaħ biex jinbnew relazzjonijiet għall-benefiċċji taż-żewġ naħat u biex jittieħed il-benefiċċju ta' dawn l-esperti u x-xogħol tal-ħsieb li jsir. Dwar il-konvenzjoni tal-Gnus Magħquda, l-involviment sħiħ tal-Komunità flimkien ma' l-Istati Membri, fin-negozjar tal-Konvenzjoni tikkonferma l-isforzi ta' l-UE fir-rigward tad-diżabilità fil-livell internazzjonali.

### 4.2 It-Tisħiħ fil-governanza

#### 4.2.1 It-Tisħiħ fil-ko-operazzjoni mal-Għaqdiet Mhux Governattivi

Il-forom eżistenti ta' ko-operazzjoni u sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Għaqdiet Mhux Governattivi, bħal dik li hemm mal-European Disability Forum, se tkun il-bażi biex jikber id-djalogu dwar il-policies u biex jitjieb il-qsim ta' l-informazzjoni bejn iż-żewġ naħat u tkompli tiżviluppa din il-ko-operazzjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li l-Grupp Għoli jżomm laqgħat ta' l-inqas darba fis-sena ma' rappreżentanti tal-persuni b'diżabilità bħala ma' huma l-European Disability Forum, kif ukoll ma' rappreżentanti ta' dawk li għandhom interess u huma involuti fil-qasam tad-diżabilità, bħal ma' huma l-Platform of European Social NGOs, ir-rappreżentanti tal-familji tal-persuni b'diżabilità, il-European Women's Lobby, il-European Association of Service Providers u l-European Platform for Rehabilitation. Dan il-bdil ta' veduti bejn il-Grupp Għoli u s-soċjetà ċivili jista' biss

iżid il-kapaċità ta' l-UE biex tifhem u tagħti konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi varji tal-persuni b'diżabilità.

### 4.2.2 Stedina lill-isħab soċjali biex jagħmlu kontribuzzjoni sħiħa ħalli jippromovu l-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità

Hu partikolarment neċessarju li titjieb il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-impjieg billi jiġu mħeġġa l-implimentazzjoni ta' fatturi li taw suċċess, stabiliti fid-Dikjarazzjoni tal-Imsieħba Soċjali għas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità; u li jiġi assessjat l-impatt tal-qafas tal-ftehim ta' dawn il-fatturi fuq il-persuni b'diżabilità bil-għan li jiġu inklużi aktar persuni b'diżabilità fl-organizzazzjonijiet tagħhom, u hekk tiżdied ir-rappreżentanza tal-persuni b'diżabilità.

### 4.2.3 Ir-Rappurtaġġ lill-istituzzjonijiet u l-entitjiet ta' l-UE

Il-Kummissjoni se tinkoraġġixxi l-ko-operazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-entitjiat ta' l-UE bil-għan li tiffaċilita u ttejjeb l-integrazzjoni tal-perspettiva dwar id-diżabilità fil-policies kollha relevanti tal-Komunità. B'mod partikulari, il-Kummissjoni se tapprofondixxi d-djalogu mal-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar l-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali kif ukoll ma' l-intergrupp dwar id-diżabilita tal-PE, li t-tnejn għandhom sehem importanti biex jitqajmu issues li jikkonċernaw persuni b'diżabilità.

## 4.3 Ir-rapport ta' l-UE fuq is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità

### 4.3.1 Ir-rapport ta' kull sentejn dwar is-sitwazzjoni globali ta' persuni b'diżabilità f'Unjoni Ewropea akbar.

Ir-Rapport dwar id-Diżabilità tal-Kummissjoni se jiġbed l-attenzjoni speċifika dwar l-isforzi tal-policies tal-Komunità biex tippromovi l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità u jikbru l-kontribuzzjonijiet relatati mad-diżabilità tal-Istati Membri biex jiġi ppreżentat dak li sar f'dak li għandu x'jaqsam mal-integrazzjoni tal-perspettiva tad-diżabilità fil-policies nazzjonali kollha rilevanti. Dawn il-kontribuzzjonijiet jistgħu jibnu fuq il-Pjan Nazzjonali t'Azzjoni għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali. Attenzjoni partikolari se tiġi ddedikata biex ikun hemm indikazzjoni aħjar tas-sitwazzjoni, ix-xejriet u l-issues tal-policy relatati mad-diżabilità fl-istati membri l-ġodda. Il-Kummissjoni se tiġbor dawn ir-rapporti pubbliċi kull sentejn skond struttura stabilita mal-Istati Membri u rappreżentanti ta' persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni tittama li tippubblika l-ewwel minn dawn ir-rapporti fit-3 ta' Diċembru 2005, għall-Jum Ewropew tal-Persuni b'Diżabilità.

### 4.3.2 L-Izvilupp tal-indikaturi kontestwali, ġbir ta' data u riċerka

L-assessjar tal-effettività tal-policies dwar id-diżabilità hu mfixkel minħabba n-

nuqqas ta' data u evalwazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tar-riżultati. Dan ifisser li hu essenzjali li jiġu żviluppati indikaturi kontestwali, li jkunu komparabbli ma' l-Istati Membri kollha. Għandu jsir użu massimu tas-sorsi u strutturi tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea, b'mod partikulari l-iżvilupp ta' moduli tas-servejs armonizzati, biex ikun hemm informazzjoni ta' statistika li tkun tista' titqabbel internazzjonalment, u hi meħtieġa biex jiġi mmoniterjat il-progess tal-objettivi li jkunu saru. Sforzi akbar għandhom isiru fuq il-livell ta' l-UE u nazzjonali biex jiġu żviluppati indikaturi u biex jitjieb il-ġbir ta' data komparabbli.

Il-Kummissjoni Ewropea tippromovi wkoll attivitajiet ta' riċerka l-aktar bil-għan li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li hemm fl-għarfien biex jiżdied l-approwċ multidixxiplinarju fil-qasam tad-diżabilità.

### 4.3.3 L-evalwazzjoni tal-Pjan t'Azzjoni ta' l-UE

Il-Pjan t'Azzjoni tal-EU ġie definit fiż-żmien sas-sena 2010. Il-Kummissjoni għandha l-intenżjoni li tagħmel l-ewwel evalwazzjoni tar-riżultati tiegħu f'nofs dan il-pjan, fis-sena li tiġi wara l-ewwel żewġ edizzjonijiet, jiġifieri fis-sena 2008.

**NOTI**

1. Direttiva tal-Kunsill 2000/78/EC ta' 27 Novembru 2000, OJ L 303 ta' 2 ta' Diċembru 2000.
2. COM (2000) 284 final ta' 12.5.2000.
3. SOC 116.
4. Comparative Study of Definition of Disability, Brunel University, 2003.
5. "Disability and social participation in Europe", Kummissjoni Ewropea, Eurostat, tema 3 "Population and social conditions", 2001, ISBN 92-894-1577-0.
6. L-Isvezja ma kinitx inkluża fl-analiżi għax id-data mill-European Community Household Panel (ECHP) għal dan il-pajjiż ma kienetx hemm.
7. "Candidate Countries Eurobarometer 2002.1: the social situation in countries applying for European Union membership" (paġna 127).
8. Ara nota 5.
9. Studju fuq "The employment situation of people with disabilities in the EU", Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali 2001. Is-sors tad-data: European Household Panel, 1996.
10. Official Journal, L 303, 2.12.2000.
11 Deċiżjoni tal-Kunsill, 2000/750/EC/tas-27 ta' Novembru 2000, OJ L 303 ta' 2 ta' Diċembru 2000.
12 COM (2003) 16 final ta' 24.1.2003.
13. Kungress importanti fuq "Women and Disability" sar f'Valencia (SP) fl-2003.

14. http://www.edf.feph.org/en/policy/y_pol.htm
15. Inkluż l-edukazzjoni permezz ta' l-isports, it-tema tas-Sena Ewropea għas-sena 2004.
16. Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2003/C/175/01 ta' 15 ta' Lulju 2003. OJ C ta' 24.7.2003.
17. Fid-Dikjarazzjoni konġunta li ħarġet bħala kontribut għas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità, l-Imsieħba Soċjali Interprofessjonali Ewropej affermaw l-impenn tagħhom li jagħtu impetus lill-perċezzjoni tal-integrazzjoni okkupazzjonali ta' persuni b'diżabilità bħala interess bi sħab kemm mal-intrapriżi kif ukoll mal-impjegati.
18. Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/578/EC fuq il-linji gwida għal policies tal-impjieg tal-Istati Membri tat-22 ta' Lulju 2003. OJ L 197 ta' 5.8.2003.
19. Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) 2204/2002 in OJ L 337, paġna 3, ppubblikata fit-13 ta' Diċembru 2002.
20. Direttiva tal-Kunsill (KE) 89/654 tat-30 ta' Novembru 1989 rigward ir-rekwiżiti minimi għas-sigurtà u s-saħħa fil-post tax-xogħol (l-ewwel direttiva individwali għat-tifsir ta' Artiklu 16 (1) tad-direttiva 89/391/EEC), Oj L 393 ta' 30.12.1989.
21. Direttiva tal-Kunsill (KE)89/391 tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta' u s-saħħa fil-post tax-xogħol. OJ L 183 ta' 29.6.1989.
22. COM (2002) 347.
23. Jekk jogħġbok ara:http://www.elearningeuropea.info/
24. Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex taddotta programmi fuq aktar minn sena (2004-2006) għall-integrazzjoni effettiva tat-Teknoliġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) fis-sistemi ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-Ewropa (Programmi ta' eLearning), COM(2002) 751 final, 19.12.2002.
25. COM(2003) 449 final ta' 24.7.2003: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tippromovi t-Tagħlim tal-Lingwi u d-Diversità - Pjan t'Azzjoni 2004-2006.
26. COM(2002) 72 final fuq il-"Pjan t'Azzjoni tal-Kummissjoni fuq il-ħiliet u l-mobilità".
27. Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2003. OJ C 134 ta' 7.6.2003.
28. COM(2001) 501 final tas-7 ta' Settembru 2001.
29. Riżoluzzjoni tal-Kunsill fuq il-Pjan t'Azzjoni e-Ewropa 2002, Feira, Ġunju 2000.
30. http://www.w3.org/TR/WCAG10/
31. Komunikazzjoni COM(2001) 529 final, issapportjat mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew kif rifless fir-riżoluzzjonijiet (CR 7087/02, 20.3.2002 u EPR P5_TA 002) 0325, 13.6.2002; Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal- 25.3.2002 dwar il-Pjan t'Azzjoni eEwropa 2002: aċċessibilità għal websajts pubbliċi u l-kontenut tagħhom, OJ C 86, 10.4.2002 p.2.
32. Dokument għad-diskussjoni għall-istaff tal-Kummissjoni: Nassiguraw l-aċċessibilità elettronika. Titjib għall-aċċess għall-persuni b'diżabilità għas-Soċjetà

Informattiva. SEC(2002) 1039 u Riżoluzzjoni tal-Kunsill "Aċċessibilità elettronika - titjib għall-aċċess għall-persuni b'diżabilità għal soċjetà bbażata fuq l-Għerf", 14680/02, OJ C 39, 18.2.2003, p.3.
33. eEwropa 2005: Soċjetà informattiva għal kulħadd. Pjan t'azzjoni Mejju 2002 Com (2002) 263, adottat mill-Kunsill Ewropew ta' Sevilla, 21-22 ta' Ġunju 2002.
34. Deċiżjoni Nru 1513/2002/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27.6.2002 li tikkonċerna l-programm tas-Sixth Framework tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet dimostrattivi, li jikkontribwixxu lejn il-ħolqien ta' Qasam ta' Riċerka Ewropea u lejn l-innovazzjoni (2002-2006), OJ L 232, 29.8.2002, p.1.
35. IST programm ta' ħidma 2003-2004, www.cordis.lu
36. Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tal-15.2.2001 dwar l-introduzzjoni tal-prinċipji tad-disinn universali fil-kurrikulu tax-xogħol kollu marbut mal-ambjent mibni.
37. OJ C 134, 7 ta' Ġunju 2003.
38. OJ C 135, 6 ta' Ġunju 2002.
39. COM (2001) 370 final.